



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 7.12.2011
KUMM(2011) 839 finali

2011/0405 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat

{SEG(2011) 1466 finali}
{SEG(2011) 1467 finali}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-kuntest ġenerali

L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jipprovdi bażi għall-Unjoni Ewropea (UE) biex tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien tagħha, bil-ħsieb li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' viċinanza tajba fuq il-fruntieri tal-UE. Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) ġiet żviluppata fl-2004 u tkopri 16-il imsieħba fil-Lvant u n-Nofsinhar tal-fruntieri tal-UE, jiġifieri l-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, l-Eġittu, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Marokk, it-territorju Palestinjan okkupat, is-Sirja, it-Tuneżija u l-Ukraina. Taħt il-PEV l-UE toffri lill-ġirien tagħha relazzjoni pprivileġġata, imsejsa fuq impenn reċiproku għall-valuri u l-prinċipji bħalma huma d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż l-azzjoni dwar il-klima. Il-politika ttipprovdi wkoll għall-assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika aktar profonda, żieda fil-mobbiltà u kuntatti interpersonali mtejba. Il-PEV hi ffinanzjata permezz ta' Strument iddedikat, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), li jkopri s-16-il pajjiż imsieħba msemmija hawn fuq u r-Russja.

Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġettivi tagħha

Mit-tnedija tal-PEV u l-ENPI seħħew numru ta' żviluppi kbar.

Il-bidliet fir-relazzjoni tal-UE mal-ġirien tagħha u l-iżviluppi mindu ġiet imwaqqfa l-PEV ġew analizzati u vvalutati bħala parti mir-Reviżjoni Strateġika tal-PEV. B'riżultat ta' dan, ġiet żviluppata viżjoni ġdida tal-PEV kif spjegata fil-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea 'Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni', adottata fil-25 ta' Mejju 2011 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-20 ta' Ġunju 2011. L-approċċ il-ġdid jitlob notevolment għal appoġġ akbar għall-imsieħba impenjati għall-bini ta' soċjetajiet demokratiċi u għat-twettiq ta' riformi, f'konformità mal-prinċipji ta' "aktar għal aktar" u "r-responsabbiltà reċiproka", u jipprovdi l-qafas ta' politika strateġika għar-relazzjonijiet tal-UE mal-ġirien.

Għalkemm l-ENPI ġie rikonoxxut b'mod wiesa' bħala Strument li jakkumpanja b'suċċess il-politika tal-UE lejn il-ġirien tagħha, ir-reviżjoni tal-PEV u valutazzjonijiet oħra, lezzjonijiet miksuba u konsultazzjonijiet pubbliċi, kollha identifikaw numru ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati fil-futur permezz ta' adattament tal-Istrument sabiex ir-rispons tal-UE jsir aktar effettiv, b'mod partikolari:

- L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "aktar għal aktar": Dan il-prinċipju hu l-aspett ewlieni tal-Politika tal-Viċinat imġedda. Dan jipprovdi għal livell ogħla ta' differenzjazzjoni fost l-imsieħba, konformi mal-impenn tagħhom lejn il-valuri u l-oġettivi miftiehma b'mod konġunt, u notevolment għas-sħubija mal-UE ffukata fuq id-demokrazija u l-prosperità komuni. L-inċentivi finanzjarji għall-aktar riformaturi ambizzjużi huma aspett importanti tal-approċċ il-ġdid. Bħala Strument ibbażat fuq il-politika, l-Istrument tal-Viċinati Ewropew (ENI) futur għandu jirrifletti dan il-prinċipju ewlieni, speċjalment fl-ipprogrammar u l-allokazzjoni tal-appoġġ għall-imsieħba.

- Il-kumplessità u t-tul tal-proċess tal-ipprogrammar: Il-proċess tal-ipprogrammar attwali jinkludi numru ta' konsultazzjonijiet wiesgħa u bosta passi proċedurali oħra, u jiehwa madwar 18-il xahar. It-tul tal-proċess tal-ipprogrammar jikkomprometti r-rilevanza tal-assistenza. L-ambitu tad-dokumenti tal-ipprogrammar (Id-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż) taħt l-ENPI jsegwi l-format użat għall-Kooperazzjoni għall-iżvilupp, li jfisser li trid issir analiżi estensiva tas-sitwazzjoni f'pajjiż partikolari u jitwal iż-żmien tal-proċess. Għall-pajjiżi tal-Viċinat, madankollu, ir-realtà hi differenti u l-analiżi tal-pajjiż għall-parti l-kbira tal-imsieħba (pajjiżi li kkonkludew Pjan ta' Azzjoni jew sett ekwivalenti ta' objettivi konġunti mal-UE) hi deskritta annwalment f'Rapporti tal-Progress iddedikati, li jagħmlu l-parti ġenerali tad-Dokument ta' Strateġija tal-Pajjiż żejda. Għalhekk hemm il-ħtieġa, kif ukoll l-iskop biex il-proċess tal-ipprogrammar jiġi ssimplifikat, imqassar u ffukat aħjar.
- L-ambitu tal-Istrument: L-ambitu tal-ENPI kif definit attwalment jirreferi għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' sħubija u Kooperazzjoni, ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet rilevanti oħra, il-promozzjoni ta' governanza tajba u tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku ekwu. Dan jinkludi wkoll lista wiesgħa ħafna ta' 29 qasam tematiku tal-kooperazzjoni trattati f'ħafna dettall u fuq livell ugwali, li jagħmilha diffiċli ħafna biex jiġu aċċertati l-għanijiet ewlenin u l-fok tal-PEV. L-ipprogrammar jirrifletti dan l-approċċ fuq bażi wiesgħa u f'numru ta' każijiet il-koerenza bejn il-politika u l-kooperazzjoni kienet sfida. Il-proposta leġislattiva futura għall-ENI se tgħin biex l-ambitu tal-Istrument jiġi ssimplifikat b'mod aħjar u r-rabtiet ma' politiki interni rilevanti jiġu msaħħa, filwaqt li żżomm il-flessibbiltà attwali tiegħu.
- Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni parzjalment skaduti u nuqqas ta' koerenza bejn l-istrumenti esterni: It-taqsima dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-ENPI attwali hi skaduta f'ċertu partijiet u għalhekk ma għadhiex tirrifletti b'mod xieraq il-mod kif l-assistenza qed tiġi implimentata fil-Viċinat. Teżisti wkoll nuqqas ta' koerenza bejn id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-ENPI u strumenti oħra ta' azzjoni esterna. Jista' jsir titjib tal-mekkaniżmi ta' flessibbiltà biex jiġu allinjati skont il-kuntest il-ġdid tal-politika. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-punti u biex ikun hemm aktar armonizzazzjoni u simplifikazzjoni, ġie żviluppat regolament qafas orizzontali separat li jinkludi d-dispożizzjonijiet ġenerali u rikorrenti kollha. Dan ir-regolament orizzontali ġdid ikopri wkoll l-ispeċifitajiet tal-implimentazzjoni tal-ENI. Dan se jippermetti l-aġġornar tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni u jindirizza n-nuqqas ta' koerenza bejn l-istrumenti esterni. Barra minn hekk, ir-Regolament orizzontali l-ġdid se jikkontribwixxi għal aktar ċarezza tar-regoli, effiċjenza u koerenza tal-azzjoni tal-Unjoni.
- Id-dispożizzjonijiet dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali (CBC): Il-Kooperazzjoni Transkonfinali hi aspett uniku tar-relazzjoni bejn l-UE, l-imsieħba fil-PEV u r-Russja li wasslet għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi konġunti b'sett ta' regoli komuni fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri tal-UE. Is-sistema qed tiffunzjona relattivament tajjeb, iżda l-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati identifkaw il-ħtieġa għal xi tibdil b'impatt fuq ir-Regolament. Dawn jinkludu l-estensjoni tal-eliġibbiltà ġeografika biex tinkludi ċ-ċentri ekonomiċi, soċjali u kulturali rilevanti għal-funzjonament tajjeb tal-programmi; applikazzjoni sħiħa ta' 'għestjoni kondiviża', li tinvolvi l-Istati Membri bħala firmatarji tal-Ftehimiet ta' Finanzjament; regoli speċifiċi għal kofinanzjament minn pajjiżi msieħba u l-istatus speċifiku tar-Russja. Se jkun jeħtieġ

li jsiru bidliet kbar għar-Regolament tal-Kummissjoni li jistipula r-Regoli ta' Implimentazzjoni tas-CBC, primarjament fir-rigward tal-metodi ta' ġestjoni.

- Ir-rabtiet mal-istrumenti/politiki interni: Il-PEV jipprovdi għal assoċjazzjoni politika gradwali u integrazzjoni ekonomika progressiva tal-imsieħba mal-UE. Il-politiki u l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq interni tal-UE huma r-referenzi ewlenin f'dan il-proċess. Għall-pajjiżi tal-Viċinat, numru ta' inizjattivi għandhom aspekk transkonfinali li sa issa kien indirizzat biss sa punt limitat ħafna. L-eċċezzjoni notevoli hi l-Kooperazzjoni Transkonfinali li tippermetti li jiġu indirizzati l-isfidi u l-oġettivi komuni permezz ta' sett wieħed ta' regoli u permezz tal-ġbir tar-riżorsi kemm minn sorsi ta' finanzjament interni u anke esterni tal-baġit tal-UE. F'oqsma oħra, bħall-infrastruttura, l-enerġija¹, it-trasport², l-iżvilupp tal-SMEs³ u l-kooperazzjoni industrijali inkluż it-turiżmu, l-ICT⁴, l-impjiegi u l-politika soċjali⁵, il-migrazzjoni u s-sigurtà, il-ġudikatura, il-ġlieda kontra d-drogi, l-edukazzjoni oġġla, il-kultura, ir-riċerka u l-innovazzjoni⁶, l-ambjent, l-azzjoni dwar il-klima⁷, ir-reżiljenza għad-diżastri u l-kooperazzjoni f'affarijiet marittimi, hemm skop biex jissaħħu r-rabtiet bejn il-politiki u l-istrumenti interni u l-PEV u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat. F'dan ir-rigward, ir-Regolament dwar l-ENI se jippromwovi l-kumplementarjetà, il-koerenza u l-armonizzazzjoni ta' oqsma ta' politika prijoritarji tal-UE, skont l-Istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li jibqa' ffukat fuq l-oġettivi ewlenin tal-PEV. Il-PEV tagħti l-għażla lill-imsieħba biex jipparteċipaw f'aġenziji u programmi tal-UE. Il-kwistjoni dwar il-finanzjament fit-tul tal-parteeipazzjoni tal-imsieħba tal-PEV fi programmi u aġenziji tal-UE jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod xieraq permezz, f'każijiet rilevanti, kontribuzzjoni finanzjarja mill-ENI, inkluż l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' twassil sostenibbli u xierqa.
- Ir-relazzjoni li qed tevolvi mar-Russja: Ir-Russja hi l-uniku benefiċjarju tal-ENPI li mhux kopert mill-PEV. Bħal kull pajjiż ieħor, ir-Russja hi intitolata li tibbenefika kemm mill-fondi bilaterali, kemm multi-nazzjonali u anke daww transkonfinali tal-ENPI. Madankollu, minħabba t-titjib sinifikanti fil-pożizzjoni fiskali tar-Russja, hemm inqas hteġa għal volumi kbar ta' assistenza finanzjarja. Ir-Russja taspira għal relazzjoni uguali u saret donatur hi stess. B'riżultat, fil-perjodu 2007-2013 il-pajjiż irċieva biss allokkazzjonijiet marġinali taħt il-pakkett bilaterali tal-ENPI. Il-kooperazzjoni fi ħdan il-qafas tal-programmi multi-nazzjonali tkompli u ssegwi l-prinċipju ta' kofinanzjament mill-UE u r-Russja. L-aktar notevoli, ir-Russja qed tikkofinanzja programmi tas-CBC. Dan jirrifletti t-tibdil fil-pożizzjoni tar-Russja bħala sieħeb strateġiku fejn proġetti kkofinanzjati għandhom ikunu fl-interess taż-żewġ naħat.

¹ Il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali: "Il-politika tal-enerġija tal-UE: Kooperazzjoni ma' Pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna", COM(2011) 539 tas-7 ta' Settembru 2011

² Il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni rigward il-kooperazzjoni tat-trasport: "L-UE u r-reġjuni ġirien tagħha: Approċċ imġedded għall-kooperazzjoni tat-trasport", COM (2011) 415 tas-7 ta' Lulju 2011.

³ L-Impriżi Żgħar u Medji.

⁴ It-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni

⁵ Inkluż il-promozzjoni tal-aġenda tax-xogħol Deċenti.

⁶ Inkluż l-iżvilupp ta' Spazju Komuni għall-Għarfien u l-Innovazzjoni.

⁷ L-UE għandha tippromwovi u tappoġġja b'mod effettiv fil-Viċinat tagħha azzjoni dwar il-klima għal żvilupp attar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u użu effiċjenti tal-karbonju.

L-Istrument Ewropew ta' Viċinat futur għandu jiġi allinjat mal-viżjoni l-għdida tal-PEV u jindirizza l-isfidi u l-kwistjonijiet speċifiċi kif identifikat hawn fuq.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati

Il-proposta leġislattiva dwar l-Istrument Ewropew ta' Viċinat hi bbażata fuq proċess ta' konsultazzjoni wiesa'. Il-proċess involva konsultazzjoni pubblika dwar il-finanzjament estern imwettaq għall-istrumenti kollha tal-azzjoni esterna tal-UE u konsultazzjonijiet speċifiċi li saru bħala parti mir-Reviżjoni Strateġika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali. Saru wkoll konsultazzjoniet dwar il-futur tal-politika tal-UE għall-iżvilupp.

Il-Konsultazzjoni Pubblika dwar il-finanzjament għall-azzjoni esterna tal-UE

Il-Kummissjoni għamlet konsultazzjoni pubblika dwar finanzjament futur għall-azzjoni esterna tal-UE bejn is-26 ta' Novembru 2010 u l-31 ta' Jannar 2011. Dan il-proċess kien ibbażat fuq kwestjonarju onlajn akkumpanjat minn dokument ta' sfond 'X'finanzjament għall-azzjoni esterna tal-UE wara l-2013?' imħejji mill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Il-220 kontribuzzjoni rċevuti bi tweġiba għal din il-konsultazzjoni pubblika jirriflettu l-ispettru wiesa' u varjat li jirrappreżenta l-ammont kbir ta' strutturi, fehmiet u tradizzjonijiet li jinsabu fil-komunità tal-azzjoni esterna.

Il-biċċa l-kbira ta' dawk li wiegħbu kkonfermaw li l-appoġġ finanzjarju tal-UE jipprovdi valur miżjud sostanzjali fl-oqsma ewlenin ta' politika ffinanzjati minn strumenti finanzjarji tal-UE għall-azzjoni esterna⁸. Il-kriterju tal-valur miżjud tal-UE kien ikkunsidrat minn ħafna fost dawk li wiegħbu bħala l-mutur ewleni għall-futur: l-UE għandha tagħmel l-aħjar użu tal-vantaġġ komparattiv tagħha marbut mal-preżenza tagħha fil-qasam globali; il-kompetenza wiesgħa tagħha, in-natura sopranazzjonali tagħha, ir-rwol tagħha bħala faċilitatur tal-koordinazzjoni, u mal-ekonomiji ta' skala.

Kważi dawk kollha li wiegħbu appoġjaw approċċ aktar differenzjat adattat għas-sitwazzjoni tal-benefiċjarji u bbażat fuq kriterji tajbin biex jiżdied l-impatt tal-istrumenti finanzjarji tal-UE. Kien hemm ukoll appoġġ wiesa' għall-kondizzjonalità bbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi, il-governanza tajba u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, jew fuq il-kwalità tal-politiki tal-benefiċjarji u l-kapaċità u r-rieda tagħhom biex jimplimentawhom.

Il-konsultazzjonijiet fil-kuntest tar-Reviżjoni Strateġika tal-PEV

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għamel konsultazzjonijiet speċifiċi mar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi msieħba tal-PEV bħala parti mir-Reviżjoni Strateġika tal-politika, mnedija f'Lulju 2010. Il-konsultazzjonijiet indirizzaw il-finanzjament

⁸ jiġifieri l-paċi u s-sigurtà, it-tnaqqis tal-faqar, l-għajnuna umanitarja, l-investiment fl-istabbiltà u t-tkabbir fil-pajjiżi tat-tkabbir u l-viċinat, l-indirizzar tal-isfidi globali, il-promozzjoni tal-istandards u l-valuri tal-UE u internazzjonali, u l-appoġġ għat-tkabbir u l-kompetittività lil hinn mill-UE.

tal-PEV, notevolment taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, u kwistjonijiet dwar il-viżjoni fit-tul tal-PEV u l-oġettivi ta' terminu medju tal-politika.

Il-konsultazzjonijiet żvelaw li l-ENPI kien jidher bħala bidla importanti fil-mod ta' kif tingħata l-assistenza tal-UE. Madankollu, dawn identifikaw ukoll il-bżonn għal aktar irfinar. Ħafna Stati Membri enfasizzaw l-importanza li titjeb il-koerenza bejn il-politika u l-assistenza finanzjarja provduta mill-Istrument. Fost dawk li wiegħbu, diversi enfasizzaw li l-allokazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-prestazzjoni. Ħafna enfasizzaw l-importanza li l-appoġġ finanzjarju jingħata b'mod aktar mgħaġġel, effiċjenti u flessibbli b'rispons għall-ħtiġijiet emerġenti.

Il-pajjiżi msieħba enfażizzaw il-ħtieġa li l-integrazzjoni ekonomika, il-ftuħ tas-suq u l-konverġenza regolatorja jiġu akkumpanjati ma' appoġġ finanzjarju xieraq. Huma enfasizzaw ukoll l-importanza tal-promozzjoni tal-investment barrani.

Il-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali

Ġew organizzati konsultazzjonijiet speċifiċi dwar is-CBC mal-partijiet interessati kollha. Il-proċess tnieda matul Konferenza dwar is-CBC fi Brussell fi Frar 2011, u l-partijiet interessati ġew ikkonsultati dwar il-qafas regolatorju futur (inkluż dwar ir-Regoli ta' Implimentazzjoni tas-CBC) fuq il-bażi ta' kwestjonarju ċċirkolat f'Mejju/Ġunju 2011. Ir-riżultati jirriflettu l-ħtieġa li jiġu adattati wħud mid-dispożizzjonijiet biex titjeb l-effiċjenza tas-CBC. L-għan tat-tibdil issuġġerit hu li tkun riflessa aħjar l-integrazzjoni bejn il-prijoritajiet tal-politika barranija tal-UE mal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, b'mod speċjali permezz ta' aktar allinjament tas-CBC fuq il-fruntieri esterni tal-UE mar-regoli dwar il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE). Saru aktar laqgħat konsultattivi fl-20 ta' Settembru 2011 mal-Istati Membri fi Brussell u mal-partijiet interessati kollha f'Budapest fit-18-19 ta' Ottubru 2011.

Il-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar "il-politika tal-UE għall-iżvilupp"

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper intitolata 'Politika tal-żvilupp tal-UE għall-appoġġ ta' tkabbir inklussiv u żvilupp sostenibbli' u għamlet konsultazzjoni pubblika mill-15 ta' Novembru 2010 sas-17 ta' Jannar 2011. Ħafna minn dawk li wiegħbu enfasizzaw li l-ODA⁹ tikkostitwixxi biss frazzjoni tal-finanzjament għall-iżvilupp, li titqies bħala komplementari għar-riżorsi domestiċi mmobilizzati, l-investimenti barranin, il-kummerċ u r-rimessi. Saret talba għal koerenza ikbar fil-politika tal-UE għall-iżvilupp, b'mod speċjali rigward il-pajjiżi bi dħul medju. Filwaqt li l-ipprogrammar konġunt tal-assistenza ġie approvat fil-prinċipju, għandu jiġi introdott b'mod gradwali u jibda fil-pajjiżi fejn irendi valur miżjud ċar.

Il-proposta dwar l-Istrument Ewropew ta' Viċinat hi bbażata fil-biċċa l-kbira fuq ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet. L-aspetti ewlenin li ġew integrati fl-istrument rivedut jinkludu l-allokazzjonijiet ibbażati fuq id-differenzjazzjoni u l-prestazzjoni, approċċ ġdid relatat mal-ipprogrammar u t-titjeb tal-koerenza tal-politika permezz tal-assistenza, l-emenda tar-regoli dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali u d-dispożizzjonijiet sabiex jitjiebu l-effiċjenza u l-flessibbiltà tal-appoġġ.

Il-valutazzjoni tal-impatt

⁹ Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp

Valutazzjoni tal-impatt speċifika għall-ENI futur ġiet ippreparata b'mod konġunt mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Kummissjoni Ewropea.

Il-valutazzjoni tal-impatt qieset dawn l-erba' għażliet li ġejjin:

- **L-Għażla 0:** 'L-ebda azzjoni mill-UE'. L-UE tieqaf tippovdi l-appoġġ finanzjarju permezz ta' Strument apposta għall-pajjiżi tal-Viċinat;
- **L-Għażla 1:** 'L-ebda bidla'. Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati tibqa' strettament fil-qafas tar-Regolament tal-ENPI eżistenti;
- **L-Għażla 2:** 'Adattament tal-istruttura attwali'. Il-proposta leġislattiva futura għandha tkun ibbażata fuq ir-Regolament dwar l-ENPI attwali flimkien ma' numru ta' emendi sostanzjali, li jirrispondu għall-kuntest il-ġdida ta' politika u l-oġettivi speċifiċi. Taħt din l-Għażla hemm numru ta' subgħażliet li jirreferu għal: il-prinċipju ta' differenzjazzjoni; il-proċess tal-ipprogrammar; l-ambitu tal-Istrument u l-koerenza bejn il-politika u l-assistenza; ir-regoli dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali; id-dispożizzjoni ta' implimentazzjoni, notevolment biex tippermetti għal flessibbiltà ikbar; ir-rabtiet mal-politiki interni u l-istrumenti u l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-ENI.
- **L-Għażla 3:** 'Tfassil ta' Strument totalment ġdid' b'kamp ta' applikazzjoni ġeografiku differenti u li jiffoka fuq oġettivi aktar wiesgħa minn jew differenti minn dawk tal-PEV.

F'termini tal-impatti possibbli ekonomiċi, soċjali, ambjentali u oħrajn ta' kull waħda mill-għażliet, ġie rikonoxxut dan li ġej:

- It-twaqqif tal-azzjoni tal-UE (l-Għażla 0) tnaqqas b'mod sostanzjali u tikkomprometti s-sostenibbiltà tal-impatti miksuba sa issa. Din taffettwa b'mod negattiv ukoll ir-relazzjonijiet ġenerali tal-UE mal-imsieħba tal-PEV.
- L-ebda bidla tal-Istrument attwali (l-Għażla 1) twassal għal numru ta' impatti pożittivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali fil-pajjiżi msieħba;
- L-emenda tal-Istrument (l-Għażla 2) ittejjeb l-impatti pożittivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali li nkisbu taħt l-istruttura attwali u għandha trendi impatt saħansitra aktar pożittiv fuq il-governanza, notevolment bl-applikazzjoni tal-prinċipju "aktar għal aktar".
- It-tfassil ta' Strument totalment ġdid (l-Għażla 3) ikollu impatti negattivi notevolment fuq il-koerenza tal-azzjoni tal-UE mal-oġettivi tal-PEV, u jikkomprometti l-kredibbiltà tal-UE fir-reġjun.

Skont l-analiżi u l-konsiderazzjoni tal-impatti differenti (globali, ekonomiċi, soċjali, ambjentali), l-Għażla 0 u l-Għażla 3 ġew rifjutati bħala għażliet mhux vijabbli biex jagħtu impatti pożittivi u jgħinu biex jinkisbu l-oġettivi tal-PEV. L-Għażla 2 ikollha l-ogħla potenzjal biex trendi impatt pożittiv u biex tadatta l-qafas ta' kooperazzjoni attwali mal-kuntest tal-politika l-ġdida, l-oġettivi tal-PEV u l-isfidi identifikati permezz tal-evalwazzjonijiet u l-lezzjonijiet miksuba. L-Għażla 1 tkun it-tieni l-aħjar għażla biex jinżammu l-impatti pożittivi attwali, madankollu mingħajr ma tippovdi sabiex jintlaħqu l-

objettivi l-ġodda tal-PEV u lanqas ma tindirizza l-isfidi u l-problemi speċifiċi identifikati taħt l-istruttura attwali.

Għalhekk l-għażla preferuta hi l-Għażla 2.

3. L-ASPETTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 8 tat-TUE jipprovdi l-isforz ta' sostenn ġenerali u l-bażi għall-PEV. Il-bażi legali għall-Istrument ta' finanzjament biex jappoġġja l-PEV, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat futur, hi **l-Artikolu 209(1) tat-TFUE¹⁰ u l-Artikolu 212(2) tat-TFUE**.

Is-sussidjarjetà

F'termini tas-sussidjarjetà, l-azzjoni fil-livell tal-UE ġgħib magħha valur miżjud essenzjali, marbut ma' numru ta' fatturi:

- Fil-pajjiżi tal-Viċinat fejn l-allinjament mar-regoli, l-istandards, il-linji gwida u l-miżuri tal-UE hu wieħed mill-objettivi ta' politika ewlenin, l-UE hi fl-aħjar pożizzjoni biex ttipprovdi l-assistenza. Ċertu appoġġ speċifiku jista' jkun provdut biss fil-livell tal-UE, bħall-promozzjoni tal-integrazzjoni ekonomika fis-suq intern tal-UE, l-aċċess għall-ispazju ta' Schengen jew il-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE. Għalhekk l-UE hi l-imsieħeb ta' gwida għall-kooperazzjoni f'ħafna mill-pajjiżi tal-PEV, rwol rikonoxxuti b'mod wiesa' mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u donaturi oħra. L-għajjnuna għall-ġirien tal-UE biex jallinjaw mal-politiki, ir-regoli u l-istandards tal-UE hija mutur ewlieni għar-riformi fil-pajjiżi msieħba tal-PEV.
- B'27 Stat Membru jaġixxu fi ħdan il-politiki u l-istrateġiji komuni, l-UE biss għandha l-piż kritiku biex tirrispondi għall-isfidi globali. L-azzjoni fil-livell nazzjonali tista' tkun limitata u frammentata, peress li l-proġetti ħafna drabi huma żgħar wisq biex jagħmlu differenza sostenibbli. Armonizzazzjoni tal-ħidma tal-Istati Membri permezz tal-UE ttejjeb il-koordinazzjoni u l-effikaċja tal-azzjoni tal-UE.
- Fi żmien ta' restrizzjonijiet baġitarji, meta diversi Stati Membri għażlu li joħroġu minn setturi sħaħ ta' kooperazzjoni u jirtiraw l-appoġġ tagħhom minn ċerti pajjiżi, l-UE hija kapaċi taqdi rwol attiv fil-promozzjoni tad-demokrazija, il-paċi, l-istabbiltà, il-prosperità u t-tnaqqis tal-faqar fil-Viċinat tagħha. F'dan il-kuntest, jagħmel aktar sens minn qatt qabel minn perspettiva purament ekonomika li l-għajjnuna fil-livell tal-UE tiġi indirizzata fejn tista' ssir differenza reali. Il-ħidma mal-UE hi wkoll irħas. L-ispejjeż amministrattivi huma anqas mill-ispejjeż amministrattivi medji tad-donaturi prinċipali għall-għajjnuna bilaterali.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-livell ta' finanzjament mill-baġit tal-UE għall-ENI l-ġdid għandu jirrifletti b'mod xieraq l-ambizzjonijiet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta.

¹⁰ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha tad-29 ta' Ġunju 2011 intitolata "Baġit għall-Ewropa 2020" ipproponiet allokazzjoni ta' EUR 18 182 300 000 (prezzijiet attwali) għall-ENI għall-perjodu 2014-2020.

Sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà tiegħu, se jkun disponibbli finanzjament għall-attivitajiet ta' edukazzjoni oġġettiva f'pajjiżi terzi fil-kuntest tal-programm ta' "Erasmus għal kulħadd", skont l-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-UE, permezz ta' 2 allokazzjonijiet multi annwali biss li jkopru l-ewwel 4 snin u t-3 snin li jifdal rispettivament. Dan il-finanzjament se jkun rifless fl-ipprogrammar indikattiv multiannwali tal-ENI, konformi mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. L-alkokazzjonijiet jistgħu jiġu riveduti f'każ ta' ċirkustanzi imprevisti jew tibdiliet politiċi importanti konformi mal-prijoritajiet esterni tal-UE. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru [...] "Erasmus għal kulħadd" tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-"Erasmus għal kulħadd"¹¹ se japplikaw għall-użu ta' daww il-fondi.

Stima ddetalljata tal-impatt finanzjarju tal-proposta hi stabbilita fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tal-ENI separata.

5. L-ELEMENTI EWLENIN

Spjegazzjoni ddetalljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

L-elementi ewlenin tal-proposta (meta mqabbla mal-istruttura attwali) u l-ġustifikazzjoni għalihom huma dawn li ġejjin:

- Applikazzjoni tal-prinċipju ta' "aktar għal aktar" u r-responsabbiltà reċiproka konformi mal-viżjoni l-ġdida tal-PEV, notevolment permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar id-differenzjazzjoni għall-alkokazzjonijiet finanzjarji u għall-proċess tal-ipprogrammar, kif meħtieġ;
- Tindirizza l-komplessità u t-tul tal-proċess tal-ipprogrammar sabiex dan jiġi ssimplifikat, imqassar u ffokat aħjar, b'mod speċjali għall-imsieħba tal-PEV li qablu b'mod konġunt mal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE fil-Pjanijiet ta' Azzjoni jew dokumenti ekwivalenti;
- Tissimplifika l-ambitu tal-Istrument, permezz ta' bilanċ bejn il-flessibbiltà tal-Istrument u l-fok fuq l-oġġettivi tal-politika u l-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni;
- Tadatta d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni u ttejjeb il-koerenza bejn l-istrumenti esterni;
- Ittejjeb id-dispożizzjonijiet dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali biex tiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva u mġaġġla tal-programmi;
- Tippromwovi rabtiet eqreb mal-istrumenti u l-politiki interni tal-UE, inkluż billi żżid il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni fl-istadju tal-ipprogrammar u, fejn ikun rilevanti, tippromwovi mekkaniżmi biex jinġabru fondi minn intestaturi interni u esterni tal-baġit tal-UE;

¹¹ Il-ĠU L ...

- Twieġeb għar-relazzjoni li qed tevolvi mar-Russja billi temenda d-dispożizzjonijiet dwar l-eliġibbiltà tar-Russja għall-fondi tal-ENI sabiex jirriflettu l-istatus speċifiku tar-Russja bħala ġar u msieħeb strateġiku l-UE.

Simplifikazzjoni

Il-proposta għall-ENI tinkludi dispożizzjonijiet biex tissimplifika l-istrument f'numru ta' aspetti. L-ambitu tal-Istrument ġie ssimplifikat billi d-29 qasam tematiku li jidhru fir-Regolament tal-ENPI attwali tnaqqsu għal sitt objettivi speċifiċi. Għodda ġdida għall-ipprogrammar aktar sempliċi għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ġirien (il-Qafas ta' Appoġġ Uniku) ġiet introdotta. Dan id-dokument ta' ipprogrammar ġdid se jkun iqsar mid-Dokumenti ta' Strateġija u l-Programmi Indikattivi Multiannwali, se jevita d-duplikazzjoni tal-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti legali/politiċi ta' bażi għar-relazzjonijiet tal-UE mal-ġirien tagħha, u għandu jgħin biex jiqsar il-proċess tal-ipprogrammar, biex b'hekk inaqas l-ispejjeż amministrattivi. L-artikolu l-ġdid, li jippermetti l-ġbir ta' fondi mill-ENI u l-Intestatura interna rilevanti tal-baġit tal-UE permezz ta' sett uniku ta' regoli għall-miżuri li jindirizzaw notevolment l-isfidi transkonfinali, se jtejjeb b'mod sostanzjali l-effiċjenza u jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi involuti fl-implimentazzjoni ta' tali miżuri.

Prijorità għall-Kummissjoni f'dan ir-Regolament ġdid, kif hija għal programmi oħra fil-kuntast tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF), hi li jiġi ssimplifikat l-ambjent regolatorju u jitjieb l-aċċess tal-assistenza tal-UE għar-reġjuni u l-pajjiżi msieħba, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-SMEs, eċċ., sakemm dawn isegwu l-objettivi tar-Regolament.

Biex jiġi implimentat ir-Regolament tal-ENI l-ġdid, proċeduri ssimplifikati u flessibbli għandhom iwasslu għall-adozzjoni aktar malajr tal-miżuri ta' implimentazzjoni u t-twassil malajr tal-assistenza tal-UE, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem. Reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, li fih dispożizzjonijiet partikolarment sostanzjali dwar l-azzjoni esterna, se tgħin ukoll biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u n-negozji żgħar fi programmi ta' finanzjament, pereżempju billi tissimplifika r-regoli, tnaqqas l-ispejjeż ta' parteċipazzjoni u taċċellera l-proċeduri ta' għoti. Il-Kummissjoni biħsiebha timplimenta dan ir-Regolament bl-użu tal-proċeduri flessibbli ġodda previsti fir-Regolament Finanzjarju l-ġdid.

Barra minn hekk, permezz tal-iżvilupp ta' regolament qafas orizzontali wieħed, li jkun jinkludi d-dispożizzjonijiet ġenerali u rikorrenti kollha, se tinkiseb ukoll simplifikazzjoni addizzjonali, li tkun tipprovdi għal aktar koerenza bejn l-istrumenti tal-azzjonijiet esterni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209 (1) u 212 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regjuni¹³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi wieħed mill-istrumenti li jipprovdu appoġġ dirett għall-politika esterna tal-Unjoni Ewropea. Se jissostitwixxi r-Regolament Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Shubija¹⁴ li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.
- (2) L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi għall-iżvilupp ta' relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien, bil-għan li tkun stabbilita żona ta' prosperità u viċinanza tajba, bbażata fuq il-valuri tal-Unjoni u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni.
- (3) L-Unjoni taħdem biex tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-valuri tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-prinċipji ta' ugwaljanza u l-istat tad-dritt li ġiet imwaqqfa fuqhom permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

¹² ĠU C , , p. .

¹³ ĠU C , , p. .

¹⁴ Il-ĠU L 310, tad-9 ta' Novembru 2006, p. 1.

- (4) Mit-tnedija tagħha, il-Politika Ewropea tal-Viċinat għabet tisħiħ sinifikanti għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi msieħba u benefiċċji tanġibbli kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-imsieħba tagħha.
- (5) Taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-Unjoni toffri lill-pajjiżi tal-Viċinat relazzjoni privileġġata, li tibdi fuq impenn reċiproku għal u l-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u l-prinċipji tal-ekonomija tas-suq u l-iżvilupp sostenibbli.
- (6) Żewġ inizjattivi politiċi ewlenin sawru l-kooperazzjoni reġjonali fil-Viċinat tal-Unjoni Ewropea: is-Sħubija tal-Lvant bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha tal-Lvant, u l-Unjoni għall-Mediterran bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha fin-Nofsinhar tal-Mediterran. Dawn l-inizjattivi huma oqfsa politiċi importanti għall-approfondiment tar-relazzjonijiet ma' u fost il-pajjiżi msieħba, ibbażati fuq prinċipji ta' proprjetà u responsabbiltà kondiviżi.
- (7) Mindu tnediet il-Politika Ewropea tal-Viċinat u twaqqaf l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija seħħew numru ta' żviluppi ewlenin. Dawn jinkludu approfondiment tar-relazzjonijiet mal-imsieħba, it-tnedija ta' inizjattivi reġjonali u proċessi ta' transizzjoni demokratika fir-reġjun. Dan għab viżjoni ġdida għall-Politika Ewropea tal-Viċinat viżjoni stabbilita fl-2011 bħala riżultat ta' Reviżjoni Strateġika tal-Politika komprensiva. Din tiddeskrivi l-oġettivi ewlenin tal-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-Viċinat u tipprovdi għal appoġġ akbar lill-imsieħba impenjati fil-bini ta' soċjetajiet demokratiċi u fit-twetiq ta' riformi, f'konformità mal-prinċipji ta' "aktar għal aktar" u "responsabbiltà reċiproka".
- (8) L-appoġġ taħt dan l-Istrument u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu jiġi pprovdut għall-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea bejn il-pajjiżi msieħba u l-Istati Membri biex jippromwovi l-iżvilupp reġjonali integrat u sostenibbli bejn reġjuni viċini fuq il-fruntieri u integrazzjoni territorjali armonjuża bejn l-Unjoni u l-pajjiżi tal-viċinat.
- (9) Barra minn hekk, huwa importanti li l-kooperazzjoni tkun inkoraġġita u ffaċilitata għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u l-imsieħba tagħha, notevolment permezz tal-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn strumenti interni u esterni tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-Kooperazzjoni Transkonfinali, il-proġetti tal-infrastruttura ta' interess għall-Unjoni li se jgħaddu minn pajjiżi tal-Viċinat u l-oqsma oħra ta' kooperazzjoni.
- (10) Ir-reġjuni mal-fruntieri li jappartjenu għall-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u r-reġjuni tal-Federazzjoni Russa li attwalment qed jieħdu sehem fi programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali għandhom ikunu jistgħu jibqgħu jagħmlu dan. Huwa importanti wkoll li r-reġjuni rilevanti f'pajjiżi koperti mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-CBC. Il-parteeipazzjoni tal-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea fil-programmi tas-CBC għandha tkompli tkun ibbażata fuq ir-riżorsi tagħhom stess.
- (11) Huwa mistenni li l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi Msieħba li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Transkonfinali jipprovdu kofinanzjament nazzjonali. Dan se jsaħħaħ is-sjeda mill-pajjiżi, iżid ir-riżorsi finanzjarji għad-dispożizzjoni tal-programmi u jiffaċilita l-parteeipazzjoni ta' atturi lokali.

- (12) Il-Kooperazzjoni Transkonfinali se tikkontribwixxi kif xieraq għall-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali eżistenti u futuri.
- (13) L-appoġġ li għandu jingħata lill-pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw fi ħdan il-qafas stabbilit permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għandu jkun koerenti mal-oġettivi u l-prinċipji tal-politiki esterni tal-Unjoni u b'mod partikolari l-politika tagħha għall-iżvilupp, inkluż id-‘Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Politika Ewropea għall-Iżvilupp: il-Kunsens Ewropew’, adottata mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, fit-22 ta' Diċembru 2005.
- (14) L-Istrateġija Konġunta UE-Afrika hi ta' rilevanza għar-relazzjonijiet mal-ġirien Mediterranji mill-Afrika ta' Fuq.
- (15) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom itejbu l-koerenza u l-komplementarjetà tal-politiki rispettivi tagħhom dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien. Sabiex ikun żgurat li l-kooperazzjoni tal-Unjoni u dik tal-Istati Membri jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin, huwa xieraq li jkun ipprovdut għall-ipprogrammar konġunt li għandu jkun implimentat meta jkun possibbli u rilevanti.
- (16) L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu fil-prinċipju jiġi allinjati mal-istrateġiji u l-miżuri nazzjonali, reġjonali jew lokali korrispondenti tal-pajjiżi msieħba.
- (17) F'pajjiżi tal-Viċinat fejn l-allinjament mar-regoli u l-istandards tal-Unjoni huwa wieħed mill-oġettivi ta' politika ewlenin, l-Unjoni hija fl-aħjar pożizzjoni biex twassal dan l-appoġġ. Ċertu appoġġ speċifiku jista' jingħata biss fil-livell tal-Unjoni.
- (18) Barra minn hekk, peress li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-promozzjoni ta' kooperazzjoni politika mtejba u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien, ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-livell tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konfomità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konfomità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-oġettivi.
- (19) L-appoġġ estern tal-Unjoni Ewropea għandu ħtiġijiet ta' finanzjament kbar iżda s-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal tali appoġġ. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-istrumenti finanzjarji b'effett ta' ingranaġġ. Tali effett jista' jiżdied billi jkun permess l-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati minn strumenti finanzjarji.
- (20) Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hi waħda mill-akbar sfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni u hemm bżonn azzjoni internazzjonali urġenti. F'konfomità mal-intenzjoni tal-Kummissjoni ddikjarata fil-Komunikazzjoni tal-MFF ta' Ġunju 2011 għal żieda tal-proporzjon tal-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal mill-inqas 20%, dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għal dak il-għan.
- (21) L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għandhom ikunu oġettivi mifruxa fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu taħt dan ir-Regolament.

- (22) L-Unjoni hija impenjata biex tippromwovi x-xogħol deċenti kif ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment u l-ftehimiet ambjentali multilaterali, fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba madwar id-dinja.
- (23) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonati tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu, li jinkludu l-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod ħażin u, fejn xieraq, penali. Dawn il-miżuri se jittieħdu f'konformità mal-ftehimiet applikabbli konklużi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.
- (24) Għall-għan ta' armonizzazzjoni tat-terminoloġija mal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, id-dokumenti ta' implimentazzjoni għall-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali għandhom jissejħu programmi operattivi konġunti.
- (25) Sabiex dan ir-Regolament ikun jista' jirrifletti malajr ir-riżultati tad-deċiżjonijiet politiċi meħuda mill-Kunsill, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-modifiki fil-lista tal-pajjiżi benefiċjarji fl-Anness għal dan ir-Regolament.
- (26) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...¹⁵ (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni") jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna, is-setgħat iddelegati li jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi meħtieġa għall-mekkaniżmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali stabbiliti fit-Titolu III ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fuq livell espert. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (27) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat tal-implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni.
- (28) Is-setgħat ta' implimentazzjoni li jirrigwardaw l-Artikolu 7(1), (2) u (3) u l-Artikolu 9(1) għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹⁶. B'kunsiderazzjoni tan-natura ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari n-natura ta' orjentazzjoni tal-politika tagħhom jew l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom, il-proċedura ta' eżaminazzjoni għandha fil-prinċipju tintuża għall-adozzjoni tagħhom, ħlief għal miżuri ta' skala finanzjarja żgħira.

¹⁵ ĠU L

¹⁶ Il-ĠU L 55, tat-28.2.2011, p. 13.

- (29) L-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna huma deskritti fid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2010/427/UE.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Titolu I. II-PRINĊIPJI U L-OBJETTIVI

Artikolu 1

L-objettiv u l-ambitu globali

1. L-Unjoni qed timmira li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' viċinanza tajba li tinvolvi l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u t-territorji elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem 'il-pajjiżi msieħba') billi tiżviluppa relazzjoni speċjali.
2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu jintuża għall-benefiċċju tal-pajjiżi msieħba u jista' wkoll jintuża għall-benefiċċju komuni tal-UE u l-pajjiżi msieħba.
3. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jintuża wkoll bil-għan li jippermetti l-parteċipazzjoni tal-Federazzjoni Russa fil-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali u dawk multinazzjonali rilevanti, biex jirrifletti l-istatus speċifiku tal-Federazzjoni Russa kemm bħala ġar tal-Unjoni kif ukoll bħala msieħeb strateġiku fir-reġjun.

Artikolu 2

L-objettivi speċifiċi tal-appoġġ tal-Unjoni

1. L-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi l-kooperazzjoni politika mtejbja u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba u, b' mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew xi ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, u l-pjanijiet ta' azzjoni maqbula b' mod konġunt.
2. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jimmira b' mod partikolari sabiex:
 - (a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi l-imsieħba soċjali;
 - (b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejbja inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġislattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, notevolment fl-interkonnnessjonijiet;

- (c) jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb u l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali;
 - (d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri;
 - (e) isir appoġġ għall-ħolqien tal-fiduċja u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti;
 - (f) isir titjib tal-kollaborazzjoni subreġjonali, reġjonali u fil-Viċinat kif ukoll tal-Kooperazzjoni Transkonfinali.
3. Il-kisba ta' dawn l-oġġettivi għandha tiġi mkejla notevolment bl-użu tar-rapporti perijodiċi rilevanti tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-politika, u għall-paragrafi 2(a), (d) u (e), permezz tal-indikaturi rilevanti stabbiliti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet rilevanti oħra; għall-paragrafi 2(b), (c) u (d) skont l-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE mill-pajjiżi msieħba fejn xieraq; għall-paragrafi 2(c) u (f), skont in-numru ta' ftehimiet u azzjonijiet ta' kooperazzjoni rilevanti. L-indikaturi se jinkludu, fost oħrajn, l-elezzjonijiet demokratiċi sorveljati b'mod xieraq, il-livell ta' korruzzjoni, il-flussi tal-kummerċ, l-indikaturi li jippermettu l-kejl tad-differenzi ekonomiċi interni, inklużi l-livelli tal-impjieg.
4. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jintuża wkoll f'żoni oħra meta dan ikun konsistenti mal-oġġettivi ġenerali tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Artikolu 3

Il-qafas tal-politika

1. Il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ftehimiet oħra eżistenti jew futuri li jistabbilixxu relazzjoni mal-pajjiżi msieħba, Komunikazzjonijiet korrispondenti, konklużjonijiet tal-Kunsill u Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-konklużjonijiet rilevanti tal-laqgħat ministerjali mal-pajjiżi msieħba għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament.
2. Il-pjanijiet ta' azzjoni jew dokumenti ekwivalenti oħra miftiehma b'mod konġunt bejn il-pajjiżi msieħba u l-Unjoni għandhom jipprovdu l-punt ewlieni ta' referenza sabiex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni.
3. Fejn ma jkunx hemm ftehimiet, kif imsemmi fil-paragrafu 1, bejn l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba, l-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata meta jirriżulta li jkun utli sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni, u għandu jiġi pprogrammat abbażi ta' tali oġġettivi b'kunsidrazzjoni tal-bżonnijiet tal-pajjiż ikkonċernat.

Artikolu 4

Id-differenzjazzjoni, l-isħubija u l-kofinanzjament

1. L-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament għal kull pajjiż imsieħeb għandu jkun iddifferenzjat fil-forma u l-ammonti skont l-impenn tal-pajjiż imsieħeb għar-riformi u l-progress tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Tali differenzjazzjoni għandu jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni għas-sħubija tal-pajjiż mal-Unjoni, il-progress tiegħu fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-progress tiegħu fl-implimentazzjoni tal-oġettivi ta' riformi miftiehma, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-pajjiż, u l-impatt potenzjali tal-appoġġ mill-Unjoni.
2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jiġi stabbilit fi sħubija mal-benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, partijiet interessati oħra, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u atturi oħra mhux statali fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ tal-Unjoni.
3. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu, fil-prinċipju, jkun kofinanzjat mill-pajjiżi benefiċjarji permezz ta' fondi pubbliċi, kontribuzzjonijiet mill-benefiċjarji u sorsi oħra. L-istess prinċipju għandu jkun applikabbli għall-kooperazzjoni mal-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari fir-rigward tal-programmi msemmija fl-Artikolu 6(1) (c). Tista' ssir deroga mir-rekwiżiti ta' kofinanzjament f'każijiet debitament ġustifikati u meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi sostnut l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u ta' atturi mhux statali, mingħajr preġudizzju għall-konformità ma' kondizzjonijiet oħrajn stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 5

Il-koerenza u l-koordinazzjoni tad-donaturi

1. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-koerenza għandha tiġi żgurata ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif ukoll politiki rilevanti oħra tal-Unjoni. Għal dan il-għan, miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, inklużi dawk ġestiti mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti tal-politika ta' kooperazzjoni deskritti fl-Artikolu 3(1) u (2) kif ukoll fuq l-interessi speċifiċi, il-prijoritajiet tal-politika u l-istrateġiji tal-Unjoni. Tali miżuri għandhom jirrispettaw l-impenji taħt il-ftehimiet multilaterali u l-konvenzjonijiet internazzjonali li l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba jagħmlu parti minnhom.
2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għandhom jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ ipprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investment.
3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw il-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom bil-għan li jżidu l-effikaċja u l-effiċjenza rigward l-għoti tal-appoġġ u d-djalogu politiku skont il-prinċipji stabbiliti għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni operattiva fil-qasam tal-appoġġ estern, u għall-armonizzazzjoni tal-politika u l-proċeduri. Il-koordinazzjoni għandha tinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni rilevanti matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' appoġġ, b'mod

partikolari fil-livell tal-qasam ikkonċernat, u tista' twassal għal ipprogrammar konġunt, kooperazzjoni ddelegata u/jew arranġamenti ta' trasferiment.

4. L-Unjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tiegħu l-passi neċessarji biex tiżgura l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tajba ma' organizzazzjonijiet u entitajiet multilaterali u reġjonali, inkluż istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, fondazzjonijiet privati u politiċi u donaturi mhux tal-Unjoni Ewropea.

Titolu II. L-IPPROGRAMMAR U L-ALLOKAZZJONI INDIKATTIVI TAL-FONDI

Artikolu 6

It-tipi ta' programmi

1. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għand jkun ipprogrammat permezz ta':
 - (a) programmi bilaterali li jkopru l-appoġġ għal pajjiż imsieħeb wieħed;
 - (b) programmi multinazzjonali li jindirizzaw sfidi komuni għall-pajjiżi kollha jew għal numru ta' pajjiżi msieħba, u kooperazzjoni reġjonali u subreġjonali bejn żewġ pajjiżi msieħba jew aktar, u li jistgħu jinkludu l-kooperazzjoni mal-Federazzjoni Russa;
 - (c) programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali li jindirizzaw il-kooperazzjoni bejn Stat Membru wieħed jew aktar fuq naħa waħda u pajjiż imsieħeb wieħed jew aktar u/jew il-Federazzjoni Russa fuq in-naħa l-oħra li jseħħu mal-parti tal-fruntiera esterna tal-UE li tkun kondiviża minnhom.
2. L-appoġġ tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.

Artikolu 7

L-ipprogrammar u l-allokazzjoni indikattiva tal-fondi għal programmi indikattivi ta' pajjiż jew multinazzjonali

1. Għall-pajjiżi fejn jeżistu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3(2), se jkun adottat Qafas ta' Appoġġ Uniku multiannwali komprensiv skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni. Il-Qafas ta' Appoġġ Uniku għandu jirrevedi l-progress li jkun sar rigward il-qafas ta' politika u għandu jelenka l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni, primarjament magħżula minn dawk inklużi fid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-istrateġiji jew il-pjanijiet tal-pajjiżi msieħba, u li għalihom il-valutazzjoni regolari tal-Unjoni tkun uriet il-ħtieġa ta' appoġġ. Dan għand jistabbilixxi wkoll il-livell indikattiv ta'

finanzjament tagħhom. It-tul tal-Qafas ta' Appoġġ Uniku għandu jikkorrispondi għat-tul tad-dokument rilevanti msemmi fl-Artikolu 3(2).

2. Għall-pajjiżi fejn ma jkunux jeżistu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 3(2), se jkun adottat dokument ta' ipprogrammar komprensiv inkluż Strateġija u programm indikattiv Multiannwali skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni. Dan għandu jiddefinixxi strateġija għar-rispons tal-Unjoni fuq il-bażi ta' analiżi tas-sitwazzjoni tal-pajjiż ikkonċernat, u tar-relazzjonijiet tiegħu mal-Unjoni, l-istrateġiji jew il-pjanijiet tal-pajjiżi msieħba, il-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni u l-livell indikattiv tal-finanzjament imqassam skont il-prijorità. Dan għandu jkoll tul multiannwali xieraq.
3. Għall-programmi multinazzjonali, se jiġi adottat dokument ta' ipprogrammar komprensiv li jinkludi Strateġija u programm indikattiv Multiannwali skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni. Dan għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet għall-appoġġ tal-Unjoni lejn ir-reġjun jew is-subreġjun u l-livell indikattiv tal-finanzjament imqassam skont il-prijorità. Dan għandu jkoll tul multiannwali xieraq.
4. Id-dokumenti ta' Qafas ta' Appoġġ Uniku msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu riveduti meta jkun neċessarju u jistgħu jiġu riveduti skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni. Id-dokumenti ta' ipprogrammar msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu riveduti f'nofs il-perjodu tagħhom jew kull meta jkun neċessarju u jistgħu jiġu riveduti skont l-istess proċedura.
5. L-allokazzjonijiet finanzjarji għall-programmi ta' pajjiż u dawk multinazzjonali għandhom ikunu ddeterminati billi jintużaw kriterji trasparenti u oġġettivi li jirriflettu l-prinċipju ta' differenzjazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(1).
6. Fejn ikun neċessarju li jiġu implimentati miżuri aktar effettivi għall-benefiċċju komuni tal-Unjoni u l-pajjiżi msieħba, f'oqsma bħall-kooperazzjoni transnazzjonali u l-interkonnessjonijiet, il-finanzjament taħt dan ir-Regolament jista' jinġabar flimkien mal-finanzjament kopert minn Regolamenti tal-Unjoni rilevanti oħra li jistabbilixxu strumenti finanzjarji. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi liema sett uniku ta' regoli għandu japplika għall-implimentazzjoni.
7. L-Istati Membri u d-donaturi l-oħra li jkunu impenjati biex jipprogrammaw b'mod konġunt l-appoġġ tagħhom mal-UE għandhom ikunu involuti fil-proċess tal-ipprogrammar. Id-dokumenti tal-ipprogrammar jistgħu jkopru wkoll il-kontribut tagħhom kif xieraq.
8. Meta l-Istati Membri u d-donaturi l-oħra jkunu impenjati biex jipprogrammaw b'mod konġunt l-appoġġ tagħhom, dokument ta' programmar konġunt multiannwali jista' jissostitwixxi l-Qafas ta' Appoġġ Uniku msemmi fil-paragrafu (1) u d-dokumenti tal-ipprogrammar msemmija fil-paragrafi (2) u (3), bil-kondizzjoni li dan jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.
9. F'każ ta' kriżijiet jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jew ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, tista' ssir reviżjoni ad hoc tad-dokumenti tal-ipprogrammar. Tali reviżjoni

ta' emerġenza tkun tiżgura li tinżamm il-koerenza bejn l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt dan ir-Regolament u l-appoġġ ipprovdut taħt strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Reviżjoni ta' emerġenza tista' twassal għall-adozzjoni tad-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dokumenti tal-ipprogrammar riveduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

Titolu III. IL-KOOPERAZZJONI TRANSKONFINALI

Artikolu 8

L-eliġibbiltà ġeografika

1. Il-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali msemmija fl-Artikolu 6(1) (c) jistgħu jiġu stabbiliti:
 - (a) għall-fruntieri fuq l-art, li jkopru l-unitajiet territorjali li jikkorrispondu għall-livell 3 tan-NUTS jew ekwivalenti tul il-fruntieri fuq l-art bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi msieħba, u/jew ir-Federazzjoni Russa;
 - (b) għall-fruntieri marittimi, li jkopru l-unitajiet territorjali li jikkorrispondu għall-livell 3 tan-NUTS jew ekwivalenti tul il-fruntieri marittimi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi msieħba u/jew il-Federazzjoni Russa, mifruda b'massimu ta' 150 km, mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti potenzjali meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità tal-azzjoni ta' kooperazzjoni;
 - (c) madwar baċir marittimu, li jkopri l-unitajiet territorjali kostali li jikkorrispondu għall-livell 2 tan-NUTS jew ekwivalenti li jħarsu lejn baċir marittimu komuni għall-Istati Membri u l-pajjiżi msieħba u/jew il-Federazzjoni Russa.
2. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-iskemi ta' kooperazzjoni eżistenti u f'każijiet ġustifikati oħra, l-unitajiet territorjali li jmissu ma' daww imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitħallew jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Transkonfinali.
3. F'każijiet debitament ġustifikati, ċentri maġġuri soċjali, ekonomiċi jew kulturali li ma jkunux imissu ma' unitajiet territorjali eliġibbli jistgħu jiġu inklużi bil-kundizzjoni li tali parteċipazzjoni tikkontribwixxi għall-oġettivi stabbiliti fid-dokument tal-ipprogrammar.
4. Meta jiġu stabbiliti programmi skont il-paragrafu 1(b), il-Kummissjoni Ewropea tista', bi ftehim mal-imsieħba, tipproponi li l-eliġibbiltà ġeografika tiġi estiża għall-unità territorjali kollha tal-livell 2 tan-NUTS li fiż-żona tagħha tkun tinstab l-unità territorjali tal-livell 3 tan-NUTS.

Artikolu 9

L-ipprogrammar u l-allokazzjoni tal-fondi għall-Kooperazzjoni Transkonfinali

1. Dokument tal-ipprogrammar għandu jkun ippreparat sabiex jiddefinixxi:
 - (a) l-oġettivi strateġiċi li għandhom jiġu segwiti permezz tal-Kooperazzjoni Transkonfinali;
 - (b) lista tal-programmi operattivi konġunti li għandhom jiġu stabbiliti;
 - (c) analiżi indikattiva tar-riżorsi bejn il-programmi tal-fruntieri tal-art u dawk marittimi msemmija fl-Artikolu 8(1) (a) u (b) u l-programmi tal-baċir tal-baħar msemmija fl-Artikolu 8(1) (c);
 - (d) l-allokazzjonijiet multiannwali indikattiv għal kull programm operattiv konġunt;
 - (e) l-unitajiet territorjali eliġibbli biex jipparteċipaw f'kull programm operattiv konġunt, u r-reġjuni u ċentri indikati fl-Artikolu 8(2), 8(3) u 8(4);
 - (f) l-allokazzjoni indikattiva biex tappoġġja, kif xieraq, azzjonijiet orizzontali għall-bini tal-kapaċità, in-netwerking u l-iskambju tal-esperjenzi fost il-programmi;
 - (g) il-kontribuzzjonijiet għall-programmi transnazzjonali stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea¹⁷, li l-pajjiżi msieħba u/jew il-Federazzjoni Russa jipparteċipaw fihom.

Id-dokument tal-ipprogrammar għandu jkopri perjodu ta' seba' snin u għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni. Dan għandu jiġi rivedut f'nofs il-perjodu jew kull meta jkun neċessarju skont l-istess proċedura msemmija f'dak l-Artikolu.
2. Il-programmi operattivi konġunti għandhom ikunu kkofinanzjati permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. L-ammont globali tal-kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...]dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea¹⁸. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-użu ta' din il-kontribuzzjoni.
3. L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni jista' jikkofinanza l-programmi operattivi konġunti li jipparteċipaw fihom il-pajjiżi li huma eliġibbli taħt tali

¹⁷

ĠU L

¹⁸

ĠU L

Strument. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-użu ta' dan il-kofinanzjament.

4. L-allokazzjonijiet indikattivi tal-fondi għall-programmi operattivi konġunti għandhom ikunu bbażati primarjament fuq il-popolazzjoni taż-żoni eliġibbli. Meta jkunu ddeterminati l-allokazzjonijiet indikattivi, jistgħu jsiru aġġustamenti biex jirriflettju l-ħtieġa għal bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-kontribuzzjonijiet ipprovduti taħt il-baġit ta' dan l-Istrument kif ukoll fatturi oħra li jolqtu l-intensità tal-kooperazzjoni, bħall-karatteristiċi speċifiċi ta' żoni fuq il-fruntiera u l-kapaċità ta' tagħhom biex jiġġestixxu u jassorbu l-appoġġ tal-Unjoni.

Artikolu 10

Il-programmi operattivi konġunti

1. Il-Kooperazzjoni Transkonfinali għandha tkun implimentata permezz tal-programmi operattivi konġunti multiannwali li jkopru l-kooperazzjoni għal fruntiera jew grupp ta' fruntieri u li jinkludu miżuri multiannwali li jsegwu sett konsistenti ta' prijoritajiet u li jistgħu jiġu implimentati bl-appoġġ tal-Unjoni. Il-programmi operattivi konġunti għandhom ikunu bbażati fuq d-dokument tal-ipprogrammar imsemmija fl-Artikolu 9. Dawn għandhom jinkludu deskrizzjoni fil-qosor tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jkopru l-elementi msemmija fl-Artikoli 11(2) u 12(2).
2. Il-programmi operattivi konġunti għal fruntieri tal-art u dawk marittimi għandhom ikunu stabbiliti għal kull fruntiera fil-livell territorjali xieraq u għandhom jinkludu unitajiet territorjali eliġibbli li jappartjenu għal Stat Membru wieħed jew aktar u għal pajjiż imsieħeb wieħed jew aktar u/jew il-Federazzjoni Russa.
3. Il-programmi operattivi konġunti għall-baċiri marittimi għandhom ikunu multilaterali, stabbilit fil-livell territorjali xieraq u jinkludu unitajiet territorjali eliġibbli li jħarsu lejn baċir marittimu komuni li jappartjeni lil diversi pajjiżi parteċipanti, inklużi mill-inqas Stat Membru wieħed u pajjiż imsieħeb wieħed u/jew il-Federazzjoni Russa. Dawn jistgħu jinkludu attivitajiet bilaterali li jsostnu l-kooperazzjoni bejn Stat Membru wieħed u pajjiż imsieħeb wieħed u/jew il-Federazzjoni Russa.
4. Fi żmien sena mill-approvazzjoni tad-dokument tal-ipprogrammar imsemmi fl-Artikolu 9, il-pajjiżi parteċipanti għandhom jippreżentaw b'mod konġunt proposti għal programmi operattivi konġunti lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta kull programm operattiv konġunt wara li tivvaluta l-konsistenza tiegħu ma' dan ir-Regolament, mad-dokument tal-ipprogrammar u mar-regoli ta' implimentazzjoni.
5. Ir-reġjuni f'pajjiżi minbarra l-pajjiżi imsieħba, il-Federazzjoni Russa jew l-Istati Membri, li jmissu ma' reġjuni eliġibbli kif definit fl-Artikolu 8(1) (a) u (b) jew iħarsu lejn baċir marittimu komuni fejn ikun qiegħed jiġi stabbilit programm operattiv konġunt jistgħu jiġu koperti permezz ta' programm operattiv konġunt u jibbenefikaw minn appoġġ tal-Unjoni taħt il-kondizzjonijiet stipulati fid-dokument tal-ipprogrammar msemmija fl-Artikolu 9.

6. Il-Kummissjoni u l-pajjiżi parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-programmi tal-baċiri marittimi stabbiliti taħt dan ir-Regolament u l-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru [...] u li jkollhom koperturi ġeografiċi li jikkoinċidu parzjalment ikunu komplementari u jirriinfurzaw lil xulxin.
7. Il-programmi operattivi konġunti jistgħu jiġu riveduti fuq l-inizjattiva tal-pajjiżi parteċipanti jew tal-Kummissjoni għal raġunijiet bħal:
 - bidliet fil-prijoritajiet ta' kooperazzjoni, żviluppi soċjoekonomiċi,
 - riżultati tal-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati u dawk prodotti mill-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni,
 - il-ħtieġa ta' aġġustament tal-ammonti tal-fondi disponibbli u r-riallokazzjoni tar-riżorsi.
8. Wara l-adozzjoni tal-programmi operattivi konġunti, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-pajjiżi msieħba u/jew il-Federazzjoni Russa. Il-Ftehim ta' finanzjament għandu jinkludi d-dispożizzjonijiet legali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm operattiv konġunt u jista' wkoll jiġi ffirmati minn pajjiżi parteċipanti oħra, u mill-Awtorità ta' Ġestjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) (c).

Fejn meħtieġ, memorandum ta' ftehim għandu jkun konkluż bejn il-pajjiżi parteċipanti u l-Awtorità ta' Ġestjoni sabiex jiġu stabbiliti r-responsabbiltajiet finanzjarji speċifiċi tal-pajjiżi.
9. Programm operattiv konġunt li jkun jinvolvi aktar minn pajjiż imsieħeb wieħed ikun stabbilit jekk mill-inqas pajjiż imsieħeb wieħed jiffirma l-ftehim ta' finanzjament. Pajjiżi msieħba oħra koperti permezz ta' programm stabbilit jistgħu jissieħbu fil-programm fi kwalunkwe ħin billi jiffirmaw il-ftehim ta' finanzjament.
10. Jekk pajjiż parteċipanti jimpenja ruħu biex jikkofinanzja programm b'mod konġunt, il-programm operattiv konġunt għandu jiċċara l-arranġamenti għall-provvista, l-użu u l-monitoraġġ tal-kofinanzjament. Il-ftehim ta' finanzjament relatat għandu jiġi ffirmat mill-pajjiżi parteċipanti kollha.
11. Il-programmi operattivi konġunti jistgħu wkoll jipprovdu għal kontribuzzjoni finanzjarja minn u għal strumenti li magħhom jistgħu jiġu kkombinati għotjiet, soġġetti għar-regoli ta' dawn l-istrumenti, sakemm dan jikkontribwixxi għall-ksib tal-prijoritajiet tal-programmi.
12. B'segwitu għall-prinċipju tas-sħubija, il-pajjiżi parteċipanti għandhom jagħżlu b'mod konġunt azzjonijiet għall-appoġġ tal-Unjoni li jkunu konsistenti mal-prijoritajiet u l-miżuri tal-programm operattiv konġunt.
13. F'każijiet speċifiċi u debitament ġustifikati, fejn:
 - (a) programm operattiv konġunt ma jkunx jista' jiġi sottomess minħabba problemi li jirriżultaw minn relazzjonijiet bejn il-pajjiżi parteċipanti jew bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż imsieħeb,

jew

(b) sat-30 ta' Ġunju 2017, u mhux aktar tard, il-pajjiżi parteċipanti jkunu għadhom ma ipprezentawx lill-Kummissjoni programm operattiv konġunt,

jew

(c) ħadd mill-pajjiżi msieħba koperti mill-programm ma jkun iffirma il-ftehim ta' finanzjament rilevanti sa' tmiem is-sena wara l-adozzjoni tal-programm,

il-Kummissjoni, wara konsultazzjonijiet mal-Istat jew Stati Membri konċernati, għandha tiegħu l-passi meħtieġa sabiex tippermetti lill-Istat jew l-Istati Membri kkonċernati li jużaw il-kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-programm operattiv konġunt skont l-Artikolu 4(7) u (8) tar-Regolament (UE) Nru [...].

14. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet jew programmi tas-CBC li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti annwali.

Artikolu 11

Il-ġestjoni tal-programmi operattivi konġunti

1. Il-programmi operattivi konġunti għandhom, fil-prinċipju, jiġu implimentati permezz ta' ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri. Il-pajjiżi parteċipanti jistgħu wkoll jipproponu l-implimentazzjoni permezz ta' ġestjoni indiretta, permezz ta' entità elenkata fir-Regolament Finanzjarju u f'konformità mar-Regoli ta' Implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2).
2. Il-Kummissjoni għandha tissodisfa lilha nnifisha fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli li l-Istat Membru f'każ ta' ġestjoni kondiviża, jew il-pajjiż imsieħeb jew l-organizzazzjoni internazzjonali fil-każ ta' ġestjoni indiretta, ikunu stabbilixxew u joperaw sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jkunu konformi mar-Regolament Finanzjarju, dan ir-Regolament, u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu msemmija fl-Artikolu 12(2).

L-Istati Membri, il-pajjiżi msieħba u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati għandhom jiżguraw il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tagħhom, il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti u r-rispett tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda. Huma għandhom ikunu responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-programmi.

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru jew il-pajjiż imsieħeb jew l-organizzazzjoni internazzjonali konċernati sabiex jeżaminaw ilment imressaq lill-Kummissjoni dwar l-għażla jew l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet appoġġjati taħt dan it-Titolu jew il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll.

3. Sabiex jippermettu lill-programmi operattivi konġunti biex jippreparaw b'mod xieraq għall-implimentazzjoni, in-nefqa mgħarrba wara l-preżentazzjoni tal-programmi

operattivi konġunti lill-Kummissjoni għandha tkun eliġibbli l-iktar kmieni mill-1 ta' Jannar 2014.

4. Fejn l-elegibiltà hija ristretta skont l-Artikolu 8(7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni, l-entità msemija fil-paragrafu 1, li tista' tagmel sejħiet għal proposti u offerti, hija intitolata f'dan il-każ biex taċċetta bħala eliġibbli offerenti, applikanti u kandidati minn pajjiżi mhux eliġibbli, jew oġġetti minn orijini mhux eliġibbli, skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.

Artikolu 12

Ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-Kooperazzjoni Transkonfinali

1. Ir-regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu adottati permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 14.
2. Kwistjonijiet koperti mir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar:
 - (a) ir-rata u l-metodi ta' kofinanzjament;
 - (b) il-preparazzjoni, il-modifika u l-għeluq ta' programmi operattivi konġunti;
 - (c) ir-rwol u l-funzjoni tal-istrutturi tal-programm: Il-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ, l-Awtorità ta' Ġestjoni u s-Segretarjat Tekniku Konġunt tagħha, Kumitati Konġunti tal-Għażla, inklużi kumitati permanenti tagħhom, l-identifikazzjoni effettiva, il-kontabbiltà u r-responsabbiltà, id-deskrizzjoni tas-Sistemi tal-Ġestjoni u l-Kontroll, u l-kundizzjonijiet dwar il-ġestjoni teknika u finanzjarja tal-appoġġ tal-Unjoni, inklużi l-eliġibbiltà tan-nefqa;
 - (d) il-proċeduri ta' rkupru; il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;
 - (e) l-attivitajiet ta' viżibbiltà u informazzjoni;
 - (f) il-ġestjoni kondiviża u indiretta kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.

Titolu IV. ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

L-aġġornament tal-Anness

Il-lista ta' pajjiżi beneficijarji fl-Anness għal dan ir-Regolament tista' tiġi aġġornata wara deċiżjonijiet politiċi magħmula mill-Kunsill dwar l-ambitu tal-politika tal-Viċinat. Modifika tal-Anness għandha tiġi adotta permezz ta' att delegat f'konformità mal-Artikolu 14.

Artikolu 14

Exerċitar tad-delega

1. Id-delegazzjoni tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 12 u 13 għandha tingħata għall-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament.
2. Id-delegazzjoni tas-setgħat tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att iddelegat li diġà jkun fis-seħħ.
3. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
4. Att delegat adottat għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssir ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn (2) tan-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn (2) fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 15

Il-kumitat

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Istrumenti Ewropew ta' Viċinat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 16

Il-parteeċipazzjoni ta' pajjiż terz mhux elenkat fl-Anness

1. F'ċirkostanzi debitament ġustifikati u sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-effikaċja tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex titrawwem kooperazzjoni reġjonali u transreġjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-eliġibbiltà ta' azzjonijiet għall-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li kieku ma kinux ikunu eliġibbli għall-finanzjament. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni, persuni fiżiċi u legali minn pajjiżi, territorji u reġjuni kkonċernati jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri li jimplimentaw tali azzjonijiet.
2. Jistgħu jsiru dispożizzjonijiet għal din il-possibbiltà fid-dokumenti tal-ipprogrammar msemmija fl-Artikolu 7.

Artikolu 17

Is-sospensjoni tal-appoġġ tal-Unjoni

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni ta' għajnuna fi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-Unjoni għandha tistieden lill-pajjiż ikkonċernat għal konsultazzjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjoni mal-pajjiż ikkonċernat ma twassalx għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu rrifjutati jew fil-każ ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-appoġġ mill-Unjoni.

Artikolu 18

L-ammont ta' referenza finanzjarja

1. Il-pakkett finanzjarju disponibbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu ta' bejn l-2014 sal-2020 għandu jkun EUR 18 182 300 000 (prezzijiet attwali). Sa 5% tal-pakkett finanzjarju għandu jkun allokati lill-programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali msemmijin fl-Artikolu 6(1) (c).
2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-qafas finanzjarju.
3. Kif imsemmi fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 tar-Regolament "Erasmus għal kulħadd", sabiex tkun promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni ogħla, ammont indikattiv ta' EUR 1 812 100 000 mill-istrumenti esterni differenti (l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument ta' Sħubija u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), ser ikunu allokati għall-azzjonijiet ta' mobbiltà fit-tagħlim lil jew minn pajjiżi mhux tal-UE u għad-djalogu ta' kooperazzjoni u politika ma' awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament "Erasmus għal kulħadd" se japplikaw għall-użu ta' dawk il-fondi.

Il-finanzjament se jsir disponibbli permezz ta' 2 allokazzjonijiet multiannwali li jkopru biss l-ewwel 4 snin u t-3 snin li jifdal rispettivament. Dan il-finanzjament se jkun rifless fl-ipprogrammar indikattiv multiannwali ta' dawn l-istrumenti, skont il-ħtiġijiet u l-prioritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. L-allokazzjonijiet jistgħu jiġu riveduti f'każ ta' ċirkustanzi imprevisti jew tibdiliet politiċi importanti konformi mal-prioritajiet esterni tal-UE.

Artikolu 19

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha ssir f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2010/427/UE, li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Artikolu 20

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Il-pajjiżi msieħba msemija fl-Artikolu 1

L-Alġerija

L-Armenja

L-Azerbajġan

Il-Bjelorussja

L-Eġittu

Il-Ġeorġja

L-Iżrael

Il-Ġordan

Il-Libanu

Il-Libja

Ir-Repubblika tal-Moldova

Il-Marokk

It-territorju Palestinjan okkupat (tPo)

Is-Sirja

It-Tuniżija

l-Ukrajna

ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

GĦALL-ISTRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Il-qasam/l-oqsma politiku/iċi kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. L-oġġettiv/i
- 1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Il-metodu/i tal-ġestjoni previst/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u irregolaritajiet
- 2.4. Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli

3. L-ISTIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i baġitarja tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. L-istima tal-impatt fuq in-nefqa
 - 3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa
 - 3.2.2. L-istima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operattivi
 - 3.2.3. Impatt stmat fuq appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
 - 3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali
 - 3.2.5. Il-partekipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament
- 3.3. L-istima tal-impatt fuq id-dħul

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1 It-titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru XXX li tistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinati (ENI);

1.2. Il-qasam/l-oqsma politiku/iċi kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB¹⁹

Titolu 19: Ir-Relazzjonijiet Esterni

Attività 19 08 : L-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja

It-titolu ta' dan il-kapitolu tal-baġit 19 08 jikkorrispondi għall-istruttura attwali tal-istrumenti finanzjarji 2007-2013. Hu propost li tinżamm l-istess attività 19 08 iżda li jkun immodifikat it-titolu ta' dan il-kapitolu għall-perjodu 2014-2020 kif ġej:

19 08 : L-Istrument Ewropew ta' Viċinat

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

X Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**²⁰

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estenzjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. L-oġġettivi

1.4.1. Il-Kummissjoni għan strateġiku multiannwali (i) fil-mira tal-proposta / inizjattiva

L-Ewropa fid-Dinja: nagħmlu l-preżenza tagħna tinħass fix-xena globali

1.4.2. L-oġġettiv(i) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB kkonċernati

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat timmira li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' viċinanza tajba fuq il-fruntieri tal-UE, notevolment permezz ta' assoċjazzjoni politika mtejbja, tal-integrazzjoni ekonomika u kooperazzjoni mill-qrib f'numru ta' setturi. Fil-perjodu 2014-2020 dawn l-oġġettivi ser ikomplu jkunu appoġġjati mill-UE permezz ta' għodda finanzjarja ddedikata, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) li se jissostitwixxi l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija stabbilit fl-2006. L-ENI se jipprovdi l-parti l-kbira tal-finanzjament mill-baġit tal-UE għall-imsieħba.

¹⁹ ABM: Ġestjoni skont Attività – ABB: Ibbaġittjar skont Attività.

²⁰ Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Appoġġ Komunitarju taħt dan ir-Regolament għandu jippromwovi kooperazzjoni politika akbar u mtejbja u l-integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi msieħba u, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew ta' ftehimiet oħrajn eżistenti u futuri, kif ukoll Pjanijiet ta' Azzjoni miftiehma b'mod konġunt.

L-appoġġ tal-Unjoni għandu jimmira b'mod partikolari sabiex:

a) issir promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji tal-ugwaljanza, l-istabbiliment ta' demokrazija profonda u sostenibbli, il-promozzjoni ta' governanza tajba u l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha inklużi l-imsieħba soċjali;

b) tinkiseb l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u l-kooperazzjoni settorjali u transsettorjali mtejbja, inkluż permezz tal-approssimazzjoni leġiżlattiva u l-konverġenza regolatorja lejn standards tal-Unjoni u oħrajn internazzjonali rilevanti, bini ta' istituzzjonijiet u investimenti relatati, notevolment fl-interkonnessjonijiet;

c) jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà tan-nies ġestita tajjeb u għal kuntatti interpersonali fuq livelli differenti;

d) jinkiseb żvilupp sostenibbli u inklussiv fl-aspetti kollha, it-tnaqqis tal-faqar, il-ħolqien tax-xogħol, inkluż permezz tal-iżvilupp tas-settur privat; il-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, l-iżvilupp rurali, l-azzjoni klimatika u r-reżiljenza għad-diżastri;

e) isir appoġġ għall-ħolqien tal-fiduċja u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti;

f) issir kollaborazzjoni subreġjonali, reġjonali u fil-Viċinat kif ukoll il-Kooperazzjoni Transkonfinali.

L-appoġġ tal-Unjoni jista' jintuża wkoll f'żoni oħra meta dan ikun konsistenti mal-oġġettivi ġenerali tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

L-attività/jiet ABM/ABB kkonċernata/i

L-attività 19.08 trid tiġi ntitolata mill-ġdid kif ġej: L-Istrument Ewropew ta' Viċinat

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistenni

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollhom fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Il-kuntest

L-Artikolu 8 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u tal-viżjoni tal-PEV ġdida għal Viċinat eqreb, demokratiku, żviluppat u stabbli, fejn kull pajjiż imsieħeb igawdi l-benefiċċji ta' approċċ imfassal u differenzjat, isejh għall-adattament tal-Istrument finanzjarju futur għall-Viċinat maż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-PEV imġedda. L-aktar minħabba l-fatt li l-implimentazzjoni ta' tali viżjoni se ġġib sfidi kbira għall-imsieħba li jridu jagħmlu riformi diffiċli li jinvolvu ħafna spejjeż qabel ma l-benefiċċji jibdew verament jidhru.

L-ENI futur għandu jimmira notevolment biex jintlaħqu l-għanijiet ewlenin tal-viżjoni l-ġdida tal-PEV u jiġu indirizzati l-problemi u l-isfidi speċifiċi identifikati fil-passat.

Il-Komunikazzjoni "Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni" tistabbilixxi t-toroq lejn l-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkasu tan-Nofsinhar permezz tat-tkomplija tal-implimentazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant u lejn in-Nofsinhar tal-Mediterran, fil-kuntest il-ġdid tal-“Isħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Kondiviża”.

Bl-offerta ta’ “Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Kondiviża”, b’mod partikolari, l-UE trid li tappoġġja t-trasformazzjoni demokratika li bdiet fl-Eġittu u fit-Tuneżija u li tista’ testendi lejn pajjiżi oħra tan-Nofsinhar tal-Mediterran.

Ir-Reviżjoni Strateġika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) li saret is-sena l-oħra identifikat oqsma fejn il-politika tista’ tiġi msaħħa b’mod konsiderevoli. Il-proċessi ta’ tranżizzjoni fin-Nofsinhar tal-Mediterran u l-aspirazzjonijiet qawwija li l-popli ta’ dawn il-pajjiżi wrew għal bidla politika u ekonomika jagħmlu l-appoġġ tal-UE element aktar kruċjali milli kien fil-passat, u jindikaw oqsma fejn l-UE u l-pajjiżi msieħba jistgħu u għandhom jagħtu kontribut akbar. Bl-istess mod, l-UE għadha impenjata li tappoġġja għat-tul il-proċessi ta’ demokratizzazzjoni u ta’ riforma fil-Viċinat kollu tagħna, sew lejn il-Lvant kif ukoll lejn in-Nofsinhar.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-elementi essenzjali u l-bażi għall-intervent mill-UE. L-azzjonijiet preċiżi huma ddefiniti permezz tal-ipprogrammar multiannwali u l-programmi ta' azzjoni annwali li jispjegaw fid-dettall l-attivitajiet li għandhom jiġu mwettqa mill-UE, inkluż ir-riżultati u l-impatt mistennija fil-mira tal-azzjonijiet inkwistjoni. L-indikaturi dettaljati għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni se jkun stabbiliti f'dak il-mument, biex jitkejjel b'mod preċiż il-progress lejn l-oġettivi tal-politika, filwaqt li jittieħed kont tal-partikolaritajiet tal-azzjoni kkonċernata. Dawn se jkunu bbażati fuq ir-Rapport tal-Progress Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV, fuq dejta statistika, u/jew evalwazzjoni minn korpi indipendenti meta jkunu disponibbli, kif ġej:

a. Iż-żieda tal-konformità mal-Istandards Demokratiċi u tad-Drittijiet tal-Bniedem se titkejjel permezz tad-dejta u l-istatistika pprovduti mill-NGOs, in-NU u l-korpi reġjonali dwar: il-libertà tal-assoċjazzjoni, l-espressjoni u l-assemblea, il-libertà tal-istampa u tal-midja; elezzjonijiet demokratiċi u kredibbli, sorveljati kif jixraq; il-livell ta' korruzzjoni; ġudikatura aktar indipendenti u aktar effiċjenti; aktar sorveljanza demokratika fis-settur tas-sigurtà. Huwa mfakkar li l-ebda indikaturi uffiċjali ma huma disponibbli fir-rigward tal-kwistjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem. Madankollu, "klassifikazzjonijiet" prodotti minn numru ta' organizzazzjonijiet jikkontribwixxu biex jipprovdu bażi utli ta' valutazzjoni tas-sitwazzjoni, fejn ġeneralment il-klassifikazzjonijiet ogħla (sena fuq sena) jiġu assoċjati mal-progress f'qasam speċifiku;

b. Iż-żieda tal-integrazzjoni fis-suq intern tal-UE ser titkejjel, fost oħrajn, permezz tal-varjazzjoni fil-flussi tal-kummerċ f'relazzjoni mad-dejta tal-linja ta' referenza fis-sena $n=0$ (ċifri tal-Eurostat); permezz tal-progress tal-approssimazzjoni regolatorja lejn in-normi u l-istandards tal-UE kif imkejla f'relazzjoni mad-dejta tal-linja ta' referenza disponibbli fis-sena " $n=0$ " u, b'mod globali ħafna, permezz tan-numru ta' pajjiżi li jkunu stabbilixxew DCFTA;

c. It-titjib tal-mobbiltà marbuta mat-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni, il-progress lejn l-istabbiliment ta' Sħubiji ta' Mobbiltà, ftehimiet dwar l-iffaċilitar u l-liberalizzazzjoni tal-viża se jitkejlu permezz tal-istatistika disponibbli (l-Eurostat u/jew istituzzjonijiet affidabbli oħrajn), kejl tal-flussi tat-turiżmu, tal-flussi migratorji, il-flussi akkademiċi/tal-istudenti fis-sena " n " f'paragun mad-dejta tal-linja ta' referenza fis-sena " $n=0$ ";

d. It-tnaqqis tad-differenzi ekonomiċi interni; Iż-żieda tal-impjiegi; L-iżvilupp tal-SMEs: il-politiki, il-leġiżlazzjoni; It-titjib fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ; Il-livell ta' ġid tal-komunitajiet tal-biedja u ż-Żieda fis-sigurtà tal-ikel, se jitkejlu permezz tad-dejta mill-Eurostat, l-OECD, il-WB, il-UNDP u l-istatistika uffiċjali. Dawn se jinkludu dejta aġġornata perġodikament tal-impjiegi (numri, setturi, età, sess), numri tal-SMEs (ħolqien/għeluq ta' SMEs), numri tal-edukazzjoni, it-tqassim tal-ġid, f'paragun mad-dejta tal-linja ta' referenza fis-sena " $n=0$ ". Se tingħata attenzjoni partikulari, f'dan il-kuntest, għall-kejl tal-koeffiċjent ta' GINI (biex ikun evalwat it-tnaqqis jew iż-żieda tad-differenzi tad-dħul);

e. It-tkabbir tal-ħolqien ta' fiduċja f'żoni ta' kunflitt; il-progress fir-riżoluzzjoni ta' kunflitti eżistenti se jkun evalwat permezz tal-elementi pprovduti fir-Rapporti ta' Progress;

f. Iż-żieda tal-kooperazzjoni fost il-pajjiżi msieħba tul ir-reġjuni tal-fruntieri, it-titjib tad-djalogu reġjonali, in-numru ta' reazzjonijiet kooperattivi lejn l-isfidi reġjonali f'oqsma differenti, in-numru ta' pożizzjonijiet komuni u attivitajiet konġunti; l-iżvilupp soċjali u ekonomiku taż-żoni fil-fruntieri.

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

Il-Viżjoni ta' Politika u l-Objettivi fuq terminu ta' żmien medju

Il-**viżjoni** għat-tul li fuqha hija bbażata l-PEV hija Viċinat li fih kull pajjiż imsieħeb jiżviluppa r-rabtiet tiegħu mal-UE safejn jaslu l-aspirazzjonijiet, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tiegħu. Politikament dan jinkludi offerta għal kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-UE, inkluż aktar inizjattivi konġunti f'fora internazzjonali dwar kwistjonijiet globali ta' interess komuni. Ekonomikament l-UE hija miftuħa wkoll għal integrazzjoni ekonomika aktar mill-qrib, li twassal għal integrazzjoni ekonomika progressiva fis-suq intern tal-UE. L-UE tappoġġja wkoll l-aċċelerazzjoni ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli tal-ġirien tagħha, li għandu jgħinhom biex isiru aktar kompetittivi, aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, joħlqu impjiegi deċenti u jilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u jimplimentaw strateġija ta' żvilupp b'livell baxx ta' karbonju sabiex jagħtu s-sehem tagħhom fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. L-UE għandha timmobilizza l-firxa sħiħa tal-politiki tagħha skont il-ħtiġijiet u l-interessi reċiproki u skont l-impenji ta' kull pajjiż għar-riforma u d-demokratizzazzjoni.

L-**għan** huwa żieda fl-impenn reċiproku lejn il-ġid politiku u ekonomiku taċ-ċittadini tagħna – sew tal-Ewropa kif ukoll tal-pajjiżi ġirien – bħala l-aħjar garanzija tal-istabbiltà u l-prosperità komuni tagħna. Tali viżjoni mhix mingħajr sfidi. Għall-pajjiżi msieħba, ir-riformi meħtieġa jinvolvu spejjeż u sforzi sostanzjali qabel ma wieħed ikun jista' jgawdi mill-benefiċċji. Fuq in-naħa tal-UE, huwa importanti li wieħed ma jipperikolax it-tmexxija bla skossi tas-suq intern u li jiġi żgurat li l-mobbiltà sseħħ f'ambjent sikur.

Fis-snin li ġejjin, il-pajjiżi msieħba li jkunu qed jieħdu passi deċiżivi lejn riformi politiċi u ekonomiċi jistgħu jistennaw li jikkonkludu **Ftehim ta' Assoċjazzjoni skont is-Sħubija tal-Lvant** (fil-Lvant) jew inkella jidħlu fi **Sħubija għad-Demokrazija u l-Prospertà Kondiviża** (fin-Nofsinhar). Dan se jkun akkumpanjat minn mobbiltà u kuntatti interpersonali mtejbja (pereżempju fost affarijiet oħra permezz tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti shubijijiet għall-mobbiltà), integrazzjoni ekonomika permezz ta' kooperazzjoni industrijali, żvilupp tal-SMEs, Investiment Barrani Dirett u aktar relazzjoni kummerċjali mal-UE (pereżempju permezz tal-istabbiliment ta' Żoni ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi u l-konklużjoni ta' ftehimiet oħra, pereżempju fl-agrikoltura, is-servizzi u l-istabbiliment, jew Ftehimiet dwar l-Evalwazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni ta' prodotti Industrijali għal setturi ta' prijorità), integrazzjoni settorjali aktar profonda (pereżempju permezz tal-integrazzjoni f'suq tal-enerġija pan-Ewropew, il-parteċipazzjoni fi swieq internazzjonali tal-karbonju inkluż il-passi preparatorji biex jidħlu fis-sistema tal-UE ta' Skambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u l-parteċipazzjoni fi programmi u aġenziji tal-UE skont il-possibbiltajiet ta' ftuħ mogħtija f'kull programm u bil-linji gwida ġenerali li jirrigwardjaw il-parteċipazzjoni f'Aġenziji tal-UE).

Bl-offerta ta' Sħubija għad-Demokrazija u l-Prospertà Kondiviza²¹, b'mod partikolari, l-UE tfittex li tappoġġja t-trasformazzjoni demokratika li bdiet fl-Eġittu u fit-Tuneżija u li tista' tiġi estiża lejn pajjiżi

²¹ COM(2011) 200, 8.3.2011

oħra. Sabiex ikompli għaddejjin b'determinazzjoni fil-proċess ta' trasformazzjoni demokratika dawn il-pajjiżi jinħtieġu l-appoġġ biex jirrifirmaw l-istituzzjonijiet tagħhom u jergħu jimbarkaw fuq it-triq tat-tkabbir ekonomiku. Il-popolazzjoni tagħhom trid tara wkoll li l-UE hi lesta biex tgħin f'dan il-perjodu ta' trasformazzjoni diffiċli u ta' sfida.

L-ENI għandu jkun aktar u aktar misjuq mil-linji ta' politika u jkun jipprovdi għal differenzjazzjoni miżjuda, aktar flessibbiltà, kundizzjonalità aktar stretta u inċentivi għal dawk li jagħmlu l-aħjar, li jkun jirrifletti l-ambizzjoni ta' kull sħubija (pereżempju negozjati ta' DCFTA). L-assistenza tal-UE tista' wkoll tiġi implimentata dejjem aktar billi tiġi devoluta lejn pajjiżi msieħba, sakemm ir-regoli finanzjarji tal-Unjoni jkunu rispettati u l-interessi finanzjarji tal-UE jkunu mħarsa.

Il-finanzjament

Il-livell ta' finanzjament tal-ENI l-għdid jirrifletti l-ambizzjonijiet tal-PEV riveduta. Għalhekk, huwa propost li l-ammont ta' EUR 18 182 300 000, fi prezzijiet attwali, jkun allokat għall-ENI mill-2014 sal-2020.

Id-differenzjazzjoni

Il-livell tal-appoġġ tal-UE se jiddependi fuq il-progress fil-bini u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u r-rispett għall-istat tad-dritt kif ukoll fuq il-progress tar-riformi. Aktar ma pajjiż iħaffef il-pass tal-progress fir-riformi interni tiegħu, aktar jirċievi sostenn mill-UE. Dan l-appoġġ imtejjeb għandu jseħħ f'diversi forum, inkluż żieda fl-iffinanzjar għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku, programmi akbar għall-bini tal-istituzzjonijiet, aċċess akbar għas-suq, aktar iffinanzjar mill-BEI bħala sostenn għall-investimenti; kif ukoll aktar faċilità għall-mobbiltà. Dawn l-impenji preferenzjali se jitfasslu skont il-ħtiġijiet ta' kull pajjiż u skont il-kuntest reġjonali. Dawn se jagħrfu li riforma sostanzjali ġgħib magħha spejjeż sinifikanti minn qabel. Għal dawk il-pajjiżi fejn ma tkun seħħet l-ebda riforma, l-UE terġa' tikkunsidra l-finanzjament, jew inkella anki tnaqqsu.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involvement tal-UE

Il-proposta għandha tkun ikkunsidrata fil-kuntest ġenerali tal-Politika Ewropea tal-Viċinat imġedda li toffri lill-pajjiżi msieħba kooperazzjoni politika aktar fil-qrib u integrazzjoni ekonomika aktar profonda, f'konformità mal-Artikolu 8 tat-Trattat ta' Lisbona. Din tibbaża fuq l-iskambju mal-ġirien tagħna tal-esperjenzi dwar l-integrazzjoni Ewropea u li jkunu progressivament involuti fil-politiki tal-UE.

Fil-pajjiżi tal-Viċinat fejn l-allinjament mar-regoli u l-istandards tal-UE hu wieħed mill-oġettivi ta' politika ewlenin, l-UE hi fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza. Ċertu appoġġ speċifiku jista' jkun provdut biss fil-livell tal-UE, pereżempju għall-promozzjoni tal-integrazzjoni ekonomika progressiva fis-suq intern tal-UE, l-aċċess għall-ispazju ta' Schengen jew il-partekipazzjoni fil-programmi tal-UE. Għalhekk l-UE hi l-imsieħeb ta' gwida għall-kooperazzjoni f'ħafna minn dawn il-pajjiżi, rwol rikonoxxuti b'mod wiesa' mill-Istati Membri, l-IFI u donaturi oħra. L-għajnuna għall-ġirien tal-UE biex jallinjaw mal-politiki, ir-regoli u l-istandards tal-UE hija mutur ewleni għar-riformi fil-pajjiżi msieħba tal-PEV.

1.5.3. Lezzjonijiet mitgħallma minn esperjenzi simili fil-passat

Mit-tnedija tal-ENPI, inħolqu numru ta' kwistjonijiet relatati direttament jew indirettament mad-disinn tal-Istrument. Proċess tal-ipprogrammar twil u allinjament mhux komplut tal-assistenza finanzjarja mal-politika u l-prijoritajiet speċifikati fil-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV u d-dokumenti rilevanti oħra, spiss ġew innutati bħala sfidi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati fil-futur. Il-koordinazzjoni u l-koerenza mal-interventi taħt strumenti oħra huma kwistjonijiet importanti. Id-dispożizzjonijiet li jippermettu għal attivitajiet konġunti ma' msieħba/reġjuni barra l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-ENPI kienu strumentali biex jiġu implimentati numru ta' attivitajiet u għandhom jinżammu.

L-assistenza tal-ENPI intużat biex tiġġenera self ta' ingranaġġ mill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jiffinanzjaw proġetti ta' investiment tal-infrastruttura u jkun appoġġjat is-settur privat permezz ta' self u operazzjonijiet ta' kapital ta' riskju. Dan isir mal-Bank Ewropew tal-Investment fil-kuntest tal-FEMIP u mal-BEI, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra fil-kuntest tan-NIF. Il-kooperazzjoni mal-IFIs għandha tkun imsaħħa iktar permezz tal-użu ta' għodda innovattivi, notevolment fil-qasam ta' garanziji. L-użu ta' fondi ċirkolatorji jista' jgħin biex jissaħħa l-impatt ta' din il-kooperazzjoni.

Il-kwistjonijiet orizzontali li huma ta' rilevanza kbira għall-ENPI jinkludu l-flessibbiltà u l-ħila biex issir reazzjoni għall-kriżijiet u sitwazzjonijiet mhux previsti. Fil-Viċinat, it-trattament tal-kriżi fit-tul għadha waħda mill-isfidi ewlenin. Kwalunkwe soluzzjoni fi ħdan l-ENPI se teħtieġ li tkun koerenti mal-għażliet politiċi dwar l-Istrument għall-Istabbiltà futur (notevolment il-kamp ta' applikazzjoni u l-kobor tiegħu) u r-relazzjoni tiegħu ma' strumenti ġeografiċi. Il-mekkaniżmi attwali għal intervenzjonijiet rapidi fil-każ ta' kriżijiet iffunzjonaw tajjeb u għandhom jissaħħa aktar.

Għandha tingħata konsiderazzjoni dwar kif il-monitoraġġ jista' jissaħħa, inkluż fir-rigward tat-tisħiħ tar-rabta bejn djalogi politiċi u programmi ta' assistenza (inkluża l-għajnuna teknika). Barra minn hekk huwa importanti li l-ambizzjoni tal-politika tkun imqabbla b'għodda xierqa biex din tkun implimentata. Għandu jkun ikkunsidrat ukoll kif l-assistenza teknika/TAIEX tista' tiġi żviluppata, possibbilment permezz ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu biex jinkludi elementi bħal taħriġ u studji tal-każijiet. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika għandha titjeb.

Flimkien ma' objettivi politiċi oħrajn bħal amministrazzjoni pubblika li tiffunzjona tajjeb u ġudikatura indipendenti li tissalvagwardja l-infurzabbiltà ta' kuntratti, politika ta' kompetizzjoni effettiva toħloq ambjent ta' negozju li jiffaċilita t-tkabbir ekonomiku.

Globalment, il-kooperazzjoni reġjonali uriet il-valur miżjud tagħha notevolment fit-trawwim ta' sinerġiji u networks reġjonali f'oqsma kruċjali ta' interess komuni bħalma huma l-ambjent, il-bidla fil-klima, l-enerġija, l-iżvilupp sostenibbli, l-iżvilupp tal-Intrapriżi Żgħar u Medji, il-midja u l-libertà tal-espressjoni, ir-riċerka, l-ICT u l-mobbiltà taż-żgħażaġh. Il-kooperazzjoni reġjonali kienet effettiva ħafna wkoll meta kienet qed titmexxa fuq livell intrareġjonali (fin-Nofsinhar u fil-Lvant): numru ta' programmi huma "ġemellaġġ" (il-protezzjoni ċivili, il-promozzjoni tal-investimenti privati) b'fokus fuq il-Lvant u n-Nofsinhar. Is-CBC kellha wkoll rwol importanti, u l-mekkaniżmu tal-impenji maqsuma użati mal-programmi tas-CBC kien utli.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra

Il-politiki/l-istrumenti esterni

It-Trattat ta' Lisbona jiddefinixxi qafas istituzzjonali ġdid għall-azzjoni esterna tal-Unjoni. Dan hu maħsub biex jippromwovi l-koerenza tal-politika tal-UE u tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE fix-xena internazzjonali. L-UE trid tgħammar lilha nnifisha b'strateġija politika fit-tul għall-azzjoni esterna u b'sett ta' għodda xieraq li għandhom jaħdmu għall-oġettivi strateġiċi li ġejjin:

Il-promozzjoni u d-difiża tal-valuri tal-UE lil hinn mill-fruntiera. Permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat l-UE se tippromwovi proċessi transitorji u demokratiċi u t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili madwar il-fruntieri tagħha;

Proġettar ta' politiki tal-UE favur l-aġenda UE 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv b'użu baxx tal-karbonju. Permezz tal-ENI, l-UE se tappoġġja l-indirizzar tal-isfidi globali ewlenin u tassisti r-riformi rilevanti li huma ta' benefiċċju kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi msieħba;

Żieda fl-impatt tal-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp, bl-għan ewlieni li jinqered il-faqar. Permezz tal-ENI, l-UE se tgħin lill-pajjiżi msieħba biex jilhq u l-isfidi tal-iżvilupp – pereżempju t-tibdil fil-klima - skont il-ħtiġijiet, il-kapaċitajiet, l-interessi u l-impenji tagħhom u l-potenzjal għall-impatt. L-ENI se jgħin ukoll biex titjieb il-koordinazzjoni tal-UE u l-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp;

Investiment għal prosperità, stabbiltà u demokrazija fit-tul fil-Viċinat tal-UE. L-għan li tkun stabbilita żona ta' stabbiltà, prosperità u demokrazija hu l-oġettiv ewlieni tal-ENI u tal-politika ta' Viċinat imġedda. Se tingħata prijorità biex jiġu appoġġjati l-politiki reġjonali u bilaterali tal-UE, inklużi dawk tematiċi, fil-Viċinat usa'. Il-proċessi ta' tranżizzjoni demokratika fin-Nofsinhar tal-Mediterran u l-effetti possibbli tagħhom fir-reġjun usa' joħolqu neċessità għal sostenn aħjar tal-aspirazzjonijiet ta' dawn is-soċjetajiet għall-valuri u l-prinċipji demokratiċi u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-benefiċċji tat-tkabbir, filwaqt li jsegwu l-għanijiet ta' kooperazzjoni politika akbar u integrazzjoni mal-ġirien, kemm fin-Nofsinhar kif ukoll fil-Lvant. Dan jinkludi sforz akbar għall-impenn mal-atturi tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali.

Titjib tal-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-kriżijiet. L-ENI għandu jippermetti għal appoġġ imtejjeb u aktar flessibbli għall-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-kriżijiet fil-Viċinat.

L-appoġġ għall-ġirien tal-UE permezz ta' Strument iddedikat u mmexxi mill-politika, mogħni b'oġettivi u b'riżorsi finanzjarji li jikkorrispondu mal-ambizzjonijiet tal-PEV imġedda, huwa konformi b'mod ċar mal-prijoritajiet ewlenin tal-azzjoni esterna tal-UE.

Il-pajjiżi tal-PEV se jkomplu jibbenefikaw minn strumenti finanzjarji oħra li jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi ta' politika (l-isfidi globali, id-Drittijiet Umani, is-sigurtà Nukleari) jew sitwazzjonijiet ta' kriżi (assistenza makrofinanzjarja, l-Istrument għall-istabbiltà, Strumenti tal-assistenza umanitarja).

Il-politiki interni

B'konsiderazzjoni tal-oġettiv tal-PEV biex titrawwem integrazzjoni eqreb bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba, id-dispożizzjonijiet għal koordinazzjoni aħjar tal-politiki interni u esterni tal-UE fil-Viċinat għandhom jissaħħu, inkluż permezz tal-kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' servizzi tal-Kummissjoni

rilevanti waqt l-istadju tal-ipprogrammar u, fejn xieraq, permezz tal-użu tal-mekkaniżmi li jippermettu l-ġbir ta' fondi minn intestaturi interni u esterni tal-baġit tal-UE.

Dan jista' japplika notevolment għal oqsma ta' kooperazzjoni bħall-infrastruttura b' dimensjonijiet transkonfinali, b' mod partikolari n-netwerks tat-trasport u l-enerġija, is-settur tal-ICT²² u l-industriji f' netwerk oħra, kif ukoll l-edukazzjoni ogħla u l-qasam tal-ambjent fid-dawl tal-komponent transkonfinali importanti tagħhom. Żdied tal-appoġġ mill-ENI għall-bini tal-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni jkun ta' għajjnuna għall-oqsma l-oħra ta' kooperazzjoni msemmija hawn fuq kollha u jgħin lill-pajjiżi msieħba kollha fl-allinjament tagħhom mal-politiki u l-oġettivi tal-UE sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali u reġjonali.

Għandhom isiru sinerġiji akbar mal-politiki interni tal-UE u mal-użu relatat tal-istrumenti finanzjarji innovattivi, abbażi ta' approċċ ikkoordinat biex jiġi użat il-baġit tal-UE f' tali strumenti. Dan jista' jiffaċilita l-ġbir tar-riżorsi minn titoli differenti tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali.

²²

L-użu tas-servizzi u l-infrastruttura tal-ICT, l-impatt tal-Internet fuq it-tkabbir, il-libertà u l-espressjoni tal-valuri demokratiċi ma jistgħux jiġu sottovalutati.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

- x Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn ...sa ...
- x Impatt finanzjarju minn ... sa
- **X Proposta/inizjattiva ta' tul ta' żmien bla limitu**
- Implimentazzjoni b'perjodu għall-introduzzjoni mill-2014 sal-2020,
- segwit bi skala sħiħa ta' operat.

1.7. Il-mod/i tal-ġestjoni pprospettat/i²³

x **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

x **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** mad-delegazzjoni ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

- x aġenziji eżekuttivi
- ☐ entitajiet stabbiliti mill-Komunitajiet²⁴
- x korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku
- ☐ persuni inkarigati mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

X Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

X Ġestjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi

X Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali *(li għad irid jiġu speċifikati)*

L-oġġettivi se jiġu segwiti permezz ta' taħlita ta' miżuri implimentati permezz ta' modi ta' ġestjoni differenti.

²³ Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq il-websajt tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

²⁴ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Is-sistemi ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Kummissjoni huma dejjem aktar iffokati fuq ir-riżultati. Dawn jinvolvu l-persunal intern kif ukoll kompetenza esterna.

Il-Maniġers tal-Kompitu fid-Delegazzjonijiet u l-Kwartieri Ġenerali jissorveljaw kontinwament l-implimentazzjoni tal-proġetti u l-programmi b'modi differenti, inkluż kull meta jkun possibbli permezz ta' żjarat fuq il-post. Il-monitoraġġ jipprovdi informazzjoni importanti dwar il-progress; din tgħin lill-maniġers biex jidentifikaw l-ostakli attwali u potenzjali, u biex jieħdu azzjoni korrettiva.

Esperti esterni indipendenti huma kkuntrattati biex jivvalutaw il-prestazzjoni tal-azzjonijiet esterni tal-UE permezz ta' tliet sistemi differenti. Dawn l-evalwazzjonijiet jikkontribwixxu għar-responsabbiltà u għat-titjib tal-interventi li jkunu għaddejjin; barra minn hekk huma jitgħallmu wkoll mill-esperjenza tal-passat biex jinformaw lill-politiki u l-azzjonijiet futuri. L-għodda kollha tuża l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-OECD-DAC li huma rikonoxxuti internazzjonalment inkluż l-impatt (potenzjali).

L-ewwelnett, fuq il-livell tal-proġett, is-sistema tas-Sorveljanza Orjentata lejn ir-Riżultati (SOR) ġestita mill-Kwartieri Ġenerali tipprovdi stampa ta' malajr u ffukata tal-kwalità ta' kampjun tal-intervenzjonijiet. Permezz ta' metodoloġija ferm strutturata u standardizzata, l-esperti indipendenti tas-SOR jattribwixxu gradi li jenfasizzaw is-saħħiet u n-nuqqasijiet tal-proġett u jagħtu rakkomandazzjonijiet dwar kif tittejjeb l-effikaċja.

Evalwazzjonijiet fuq il-livell tal-proġett, li huma ġestiti mid-Delegazzjoni tal-UE inkarigata mill-proġett, iwasslu analiżi aktar iddettaljata u fil-fond u jgħinu lil-maniġers tal-proġett biex itejbu l-interventi li jkunu għaddejjin u jħejju għal dawk tal-ġejjieni. Esperti esterni indipendenti b'kompetenzi tematiċi u ġeografiċi huma impjegati biex iwettqu analiżi u jiġbru tagħrif u evidenza mill-partijiet interessati kollha, mhux l-inqas mill-benefiċjarji finali.

Il-Kummissjoni tmexxi wkoll evalwazzjonijiet strateġiċi tal-politiki tagħha, minn programmar u strateġija għall-implimentazzjoni ta' interventi f'settur speċifiku (bħas-saħħa, l-edukazzjoni eċċ), f'pajjiż jew reġjun, jew ta' Strument speċifiku. Dawn l-evalwazzjonijiet huma kontribut importanti għall-formulazzjoni tal-politiki u d-disinn tal-istrumenti u l-proġetti. Dawn l-evalwazzjonijiet huma kollha ppubblikati fuq is-sit tal-Kummissjoni u sommarju tas-sejbiet hi inkluża fir-Rapport Annwali għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/Riskji identifikat(i)

L-ambjent tar-riskju

L-ambjent operattiv tal-ġhajnuna tal-ENI hu kkaratterizzat minn dawn ir-riskji li ġejjin dwar in-nuqqas ta' kisba tal-oġġettivi tal-Istrument, ġestjoni finanzjarja subottimali u/jew in-nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli (żbalji ta' legalità u regolarità):

- instabbiltà ekonomika/politika u/jew diżastri naturali f'pajjiżi msieħba jistgħu jwasslu għal diffikultajiet u dewmien fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' interventi;
- nuqqas ta' kapaċità amministrattiva u istituzzjonali fil-pajjiżi msieħba jistgħu jwasslu għal diffikultajiet u dewmien fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' interventi;
- proġetti u programmi mxerrda ġeografikament (li jkopru kważi ħafna stati/territorji/reġjuni) jistgħu jgħallqu sfidi ta' riżorsi/loġistika għall-monitoraġġ – b'mod partikolari kwalunkwe segwitu 'fuq il-post' ta' attivitajiet;
- diversità tal-imsieħba / benefiċjarji potenzjali bl-istrutturi u l-kapaċitajiet interni differenti ta' kontroll tagħhom tista' tifframmenta u għalhekk tnaqqas l-effikaċja u l-effiċjenza tar-riżorsi disponibbli tal-Kummissjoni għall-appoġġ u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni;
- kwalità u kwantità fqira ta' dejta disponibbli dwar ir-riżultati u l-impatt tal-implimentazzjoni tal-għajnuna esterna / tal-pjan għall-iżvilupp nazzjonali fil-pajjiżi msieħba jistgħu jfixxlu l-kapaċità tal-Kummissjoni biex tirrapporta dwar u tkun responsabbli għal riżultati.

Livell mistenni ta' riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli

L-oġġettiv ta' konformità għall-Istrument hu li jinżamm il-livell tal-passat ta' riskju ta' nuqqas ta' konformità (rata ta' żball) għall-portafoll tal-EuropeAid li huwa livell 'net' residwali ta' żball (fuq bażi multiannwali wara l-kontrolli u l-korrezzjonijiet kollha ppjanati ġew esegwiti fuq kuntratti magħluqa) ta' inqas minn 2%. Tradizzjonalment dan implika stima tal-firxa tal-iżball ta' 2-5% f'termini ta' kampjun bl-addoċċ annwali ta' tranżazzjonijiet imwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-fini tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni (DAS) annwali. L-EuropeAid tikkunsidra dan bħala r-riskju l-aktar baxx ta' nonkonformità li jista' jinkiseb fir-rigward tal-ambjent ta' riskju għoli tagħha u filwaqt li jittieħed kont tal-piż amministrattiv u l-effikaċja fl-ispejjeż meħtieġa tal-kontrolli ta' konformità.

2.2.2. Metodu/Metodi ta' kontroll maħsuba

L-arkitettura tal-Kontroll Intern tal-EuropeAid

Il-proċess tal-ġestjoni / kontroll intern ta' EuropeAid huwa mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli rigward il-kisba tal-oġġettivi fl-effikaċja u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha, l-affidabbiltà tar-rappurtar finanzjarju tagħha u l-konformità mal-qafas leġiżlattiv u proċedurali rilevanti.

L-effikaċja u l-effiċjenza

Sabiex tkun żgurata l-effikaċja u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha (u jiġi mmitigat il-livell għoli ta' riskju fl-ambjent tal-għajnuna esterna tagħha), minbarra l-elementi kollha tal-proċess ta' Politika u Ippjanar Strateġiċi mifruq mal-Kummissjoni, l-ambjent ta' verifika interna u rekwiżiti oħra tal-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni, EuropeAid se tkun qed topera taħt qafas mfassal apposta tal-ġestjoni tal-għajnuna taħt l-istrumenti kollha tagħha li se jinkludu:

- Ġestjoni devoluta tal-maġġoranza tal-għajnuna esterna mid-delegazzjonijiet tal-UE fil-qasam;
- Linji ċari u formalizzati tar-responsabbiltà finanzjarja (mill-uffiċjal Delegat ta' Awtorità (Direttur Ġenerali)) permezz ta' sottodelegazzjoni mill-uffiċjal Sottodelegat ta' Awtorità (Direttur) fil-Kwartieri Ġenerali għall-Kap tad-Delegazzjoni;

- Rappurtar regolari minn Delegazzjonijiet tal-UE għall-Kwartieri Ġenerali (Rapporti dwar il-Ġestjoni tal-Għajnuna Esterna) inkluż Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni annwali mill-Kap tad-Delegazzjoni;
- Provvista ta' programm sostanzjali ta' taħriġ għall-persunal kemm fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll fid-delegazzjonijiet,
- Appoġġ u gwida sinifikanti mill-Kwartieri Ġenerali/Delegazzjoni (inkluż permezz tal-internet);
- Żjarat ta' 'verifika' regolari lil delegazzjonijiet 'devoluti' kull 3-6 snin;
- Metodoloġija tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-proġett u l-programm inkluż:
 - Għodda ta' appoġġ ta' kwalità għad-disinn tal-intervent, il-metodu ta' kif jingħata, il-mekkaniżmu ta' finanzjament, is-sistema ta' ġestjoni, il-valutazzjoni u l-għażla ta' kwalunkwe msieħba ta' implimentazzjoni, eċċ.
 - Għodda ta' ġestjoni, monitoraġġ u rappurtar tal-programm u l-proġett għall-implimentazzjoni effettiva inkluż monitoraġġ tal-proġetti estern regolari u fuq il-post.
 - Komponenti sinifikanti ta' evalwazzjoni u verifika.

Rappurtar Finanzjarju u Kontabbiltà

EuropeAid se tkompli taħdem biex tilħaq l-ogħla standards ta' kontabbiltà u rappurtar finanzjarju permezz tas-sistema ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni bbażata fuq id-dovuti (ABAC) kif ukoll għodda speċifika għall-għajnuna esterna bħas-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Relex (CRIS).

B'rabta mal-konformità mal-qafas leġislativ u proċedurali rilevanti, metodi ta' kontroll tal-konformità huma stabbiliti fit-taqsim 2.3 (miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet)

Ir-rwol tal-kumitati u s-sottokumitati.

Huwa mistenni li s-sottokumitati se jkollhom rwol dejjem aktar attiv fil-kontroll tal-implimentazzjoni tal-programmi.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u irregolaritajiet

Speċifika miżuri eżistenti jew previsti ta' prevenzjoni u protezzjoni.

Minħabba l-ambjent ta' riskju għoli li topera fih EuropeAid, is-sistemi tagħha jeħtieġu jantiċipaw okkorrenza sinifikanti ta' żbalji potenzjali ta' konformità (irregolaritajiet) fit-tranżazzjonijiet u jibnu livell għoli ta' kontrolli għall-prevenzjoni, s-sejbien u l-korrezzjoni mill-aktar fis possibbli fil-proċess tal-ħlas. Fil-prattika dan ifisser li l-kontrolli tal-konformità ta' EuropeAid se jpoġġu l-aktar dipendenza fuq kontrolli ex-ante sinifikanti kemm minn awdituri esterni kif ukoll mill-persunal tal-Kummissjoni fil-qasam qabel il-ħlasijiet finali tal-proġett (filwaqt li xorta jkunu eżegwiti xi verifiki u kontrolli ex-post), li jmorru lil hinn ħafna mis-salvagwardji finanzjarji meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju. Il-qafas tal-konformità ta' EuropeAid hu magħmul inter alia minn dawn il-komponenti sinifikanti li ġejjin:

Miżuri preventivi

Taħriġ ewlieni obligatorju li jkopru kwistjonijiet ta' frodi għall-istaff maniġerjali tal-ġajnuna u l-awdituri;

L-ġhoti ta' gwida (inkluż permezz tal-internet) li tinkludi l-Gwida Prattika għall-Kuntratti, l-EuropeAid Companion u t-Toolkit għall-Ġestjoni Finanzjarja (għall-imsieħba tal-implimentazzjoni);

Valutazzjoni ex-ante biex ikun żgurat li miżuri kontra l-frodi xierqa sabiex jipprevjenu u jinkixfu l-frodi fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE jkunu fis-seħħ fl-awtoritajiet li jamministraw il-fondi rilevanti taħt ġestjoni konġunta, deċentralizzata u kondiviża;

Screening ex-ante tal-mekkaniżmi ta' kontra l-frodi disponibbli fil-pajjiż imsieħeb bħala parti mill-valutazzjoni tal-kriterju ta' eliġibbiltà tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi għar-riċeviment tal-appoġġ baġitarju (jiġifieri l-impenn attiv fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, awtoritajiet ta' spezzjoni xierqa, kapaċità ġudizzjarja suffiċjenti u rispons u mekkaniżmi ta' sanzjoni effiċjenti);

Il-Kummissjoni ffirmat l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Ġajnuna Internazzjonali (IATI) f'Accra fl-2008, fejn qablet dwar standard għat-trasparenza tal-ġajnuna li jiżgura dejta aktar fil-ħin, iddettaljata u regolari fuq il-flussi u d-dokumenti tal-ġajnuna;

Mill-14 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni qed timplimenta l-ewwel fażi tal-istandard tal-IATI għall-pubblikazzjoni b'mod trasparenti tal-informazzjoni dwar l-ġajnuna qabel il-Forum ta' Livell Għoli li jmiss dwar l-effikaċja tal-ġajnuna f'Busan f'Novembru 2011. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE fuq applikazzjoni tal-IT bbażata fuq il-web konġunta msejħa TR-AID li tittrasforma d-dejta dwar l-ġajnuna tal-UE pprovduta permezz tal-IATI u sorsi oħra f'informazzjoni dwar l-ġajnuna b'użu faċli għall-utent.

Miżuri ta' detezzjoni u korrettivi

Il-verifiki esterni tal-kotba u l-verifiki (kemm mandatorji u bbażati fuq ir-riskju) inkluż il-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

Kontrolli retrospettivi (fuq bażi ta' riskju) u l-irkupru;

Is-sospensjoni tal-finanzjament tal-UE fejn ikun hemm każ serju ta' frodi, inkluż korruzzjoni fuq skala kbira, sakemm l-awtoritajiet ikunu hađu azzjoni xierqa bil-ħsieb li jiġi kkorreġut u pprevenut tali frodi fil-ġejjieni.

EuropeAid se tkompli tfassal l-istrategġija tagħha ta' kontra l-frodi skont l-istrategġija l-ġdida ta' kontra l-frodi tal-Kummissjoni (CAFS) adottata fl-24 ta' Ġunju 2011 sabiex tiżgura inter alia li:

Il-kontrolli interni ta' kontra l-frodi ta' EuropeAid jkunu allinjati kompletament mas-CAFS;

L-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju ta' frodi ta' EuropeAid ikun immirat biex jidentifika ż-żoni f'riskju ta' frodi u reazzjonijiet adegwati;

Is-sistemi użati għall-infiq tal-fondi tal-UE f'pajjiżi terzi jkunu jippermettu li tinġabar dejta rilevanti bil-ħsieb li din id-dejta tiġi użata għall-ġestjoni tar-riskju ta' frodi (pereżempju finanzjament doppju);

Fejn meħtieġ, se jiġu stabbiliti gruppi ta' netwerking u għodda tal-IT xierqa ddedikati għall-analiżi ta' każijiet ta' frodi relatati mas-settur tal-ġajnuna esterna.

2.4 Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli

Għall-portafoll ta' EuropeAid b'mod sħiħ, l-ispejjeż tal-ġestjoni / kontroll intern jammontaw għal total annwali ta' madwar EUR 658 miljun f'impenji fl-ippjanar tal-baġit 2014-2020. Din iċ-ċifra tinkludi l-ġestjoni tal-EDF li jopera b'mod integrat fi ħdan l-istruttura ta' amministrazzjoni ta' EuropeAid. Dawn l-ispejjeż mhux operattiva jirrappreżentaw madwar 6,4% tal-istima medja annwali ta' EUR 10,2 biljun ppjanati għall-impenji globali (operattivi + amministrattivi) minn EuropeAid fuq il-portafoll tan-nefqa ffinanzjat mill-Baġit Ġenerali tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għal 2012.

Dawn l-ispejjeż tal-ġestjoni jieħdu kont tal-persunal kollu ta' EuropeAid fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet, l-infrastruttura, l-ivvjaġġar, it-taħriġ, is-sorveljanza, il-valutazzjoni u l-kuntratti tal-verifika (inklużi dawk immedja mill-benefiċjarji).

EuropeAid qed tippjana biex tnaqqqs il-proporzjoni ta' attivitajiet ta' ġestjoni/operattivi maż-żmien skont l-arranġamenti mtejbja u ssimplifikati tal-istrumenti l-ġodda, filwaqt li tibdni fuq il-bidliet li aktarx se jsiru skont ir-Regolament Finanzjarju rivedut. Il-benefiċċji ewlenin ta' dawn l-ispejjeż ta' ġestjoni se jkunu mmaterjalizzati fil-kisba tal-oġġettivi politiċi, l-użu tar-riżorsi b'mod effikaċi u effettiv u t-tħaddim ta' miżuri sodi, kosteffettivi u preventivi, u kontrolli oħra li jiżguraw l-użu tal-fondi b'mod legali u regolari.

It-titjib fin-natura u l-ambitu tal-attivitajiet ta' ġestjoni u l-kontrolli tal-konformità se jkomplu jiġu segwiti. Madankollu, dawn l-attivitajiet se jkomplu jkunu jirrappreżentaw spiża meħtieġ li trid issir, sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-istrumenti b'mod effikaċi u effettiv b'riskju minimu ta' nonkonformità (taħt żball residwali ta' 2%). Dawn l-ispejjeż huma evalwati li se jkunu sinifikament inqas mit-telf potenzjali involut bit-tneħħija jew l-iskalar lura tal-kontrolli interni f'din iż-żona ta' riskju għoli.

3. L-ISTIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i baġitarja tan-nefqa affettwata/i

Fl-ordni tal-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju multiannwali.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni... ENI-Strument Ewropew ta' Viċinat]	AD/AMD ⁽²⁵⁾	minn pajjiżi tal-EFTA ²⁶	minn pajjiżi kandidati ²⁷	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
4	L-Istrument tal-ENI	AMD	LE	LE	LE	NP
5	ENI – Nefqa Amministrattiva	AD	LE	LE	IVA	NP

- L-EBDA linji baġitarji ġodda mitluba

Fl-ordni tal-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju multiannwali.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura.....]	Diff./mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

²⁵ AD= Approprijazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprijazzjonijiet Mhux Differenzjati

²⁶ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

²⁷ Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi li huma kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2 L-istima tal-impatt fuq in-nefqa

3.2.1 Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa

F'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	4	Ir-Relazzjonijiet Esterni
--	----------	----------------------------------

DĠ: <.....>			Sena N ²⁸ 2014	Sena N+1 2015	Sena N+2 2016	Sena N+3 2017	Sena N+4 2018	Sena N+5 2019	Sena N+6 2020	TOTAL
• Approprijazzjonijiet operattivi										
ENI-Strument Ewropew ta' Viċinat (19.08)	Impenji	(1)	2.181,0 76	2.347,3 02	2.408,9 52	2.501,3 95	2.637,7 36	2.806,9 52	2.952,8 83	17.836,296
	Ħlasijiet	(2)	1.852,5 76	2.001,9 02	2.051,2 52	2.170,5 95	2.249,8 36	2.349,2 52	2.498,5 83	15.173,996
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ²⁹										
Numru tal-linja baġitarja 19.01.04.02		(3)	47,424	48,098	48,748	49,405	50,164	50,748	51,417	346,004
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għal DĠ <.....>	Impenji	=1+1a +3	2.228,5 00	2.395,4 00	2.457,7 00	2.550,8 00	2.687,9 00	2.857,7 00	3.004,3 00	18.182,300
	Ħlasijiet	=2+2a +3	1.900,0 00	2.050,0 00	2.100,0 00	2.220,0 00	2.300,0 00	2.400,0 00	2.550,0 00	15.520,000

²⁸ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

²⁹ L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (linji ex “BA”), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)	2.181,0 76	2.347,3 02	2.408,9 52	2.501,3 95	2.637,7 36	2.806,9 52	2.952,8 83	17.836,296
	Ħlasijiet	(5)	1.852,5 76	2.001,9 02	2.051,2 52	2.170,5 95	2.249,8 36	2.349,2 52	2.498,5 83	15.173,996
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)	47,424	48,098	48,748	49,405	50,164	50,748	51,417	346,004
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <4>	Impenji	=4+ 6	2.228,5 00	2.395,4 00	2.457,7 00	2.550,8 00	2.687,9 00	2.857,7 00	3.004,3 00	18.182,300
tal-qafas finanzjarju multiannwali	Ħlasijiet	=5+ 6	1.900,0 00	2.050,0 00	2.100,0 00	2.220,0 00	2.300,0 00	2.400,0 00	2.550,0 00	15.520,000

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	“ Nefqa amministrattiva ”
--	----------	---------------------------

F'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena N 2014	Sena N+1 2015	Sena N+2 2016	Sena N+3 2017	Sena N+4 2018	Sena N+5 2019	Sena N+6 2020	TOTAL
DĠ: <.....>								
• Riżorsi umani	37,036	36,662	36,289	35,919	35,919	35,919	35,919	253,662
• Nefqa amministrattiva oħra	2,244	2,192	2,173	2,155	2,155	2,155	2,155	15,227
TOTAL DĠ <.....>	39,279	38,854	38,462	38,073	38,073	38,073	38,073	268,889

**TOTAL tal-appropriazzjonijiet
taħt l-INTESTATURA 5**
tal-qafas finanzjarju multiannwali

(Total tal-impenji
= Total tal-ħlasijiet)

39,279 38,854 38,462 38,073 38,073 38,073 38,073 268,889

F'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena N 2014	Sena N+1 2015	Sena N+2 2016	Sena N+3 2017	Sena N+4 2018	Sena N+5 2019	Sena N+6 2020	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	2.267,779	2.434,254	2.496,162	2.588,873	2.725,973	2.895,773	3.042,373	18.451,189
	Ħlasijiet	1.939,279	2.088,854	2.138,462	2.258,073	2.338,073	2.438,073	2.588,073	15.788,889

3.2.2 L-istima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operattivi

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi
- ☒ Il-proposta/inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

L-appropriazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati ↓			Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	...daħħal is-snin kollha li jkunu meħtieġa biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)				TOTAL
	RIŻULTATI										
	Tip ta' riżultat ³⁰	Kost medju tar-riżultat	Kost	Kost	Kost	Kost	Kost	Kost	Kost	Kost totali	
Programmi ġeografiċi ³¹			2072,023	2229,937	2288,504	2376,325	2505,849	2666,605	2805,238	16944,481	
Programmi ta' Kooperazzjoni Transkonfinali ³²			109,054	117,365	120,448	125,070	131,887	140,348	147,644	891,815	
ĦLAS TOTALI			2181,076	2347,302	2408,952	2501,395	2637,736	2806,952	2952,883	17836,296	

³⁰ Ir-Riżultati huma prodotti u servizzi li se jiġu forniti (pereżempju: in-numru ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, in-numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).
³¹ Din il-qasma hi indikattiva. L-ipprogrammar u l-allokazzjoni tal-fondi taħt dan ir-regolament se jkunu ggwidati mil-prinċipju ta' "aktar għal aktar".
³² Ammonti simili se jsiru disponibbli taħt ir-regolament tal-FEŻR għall-appoġġ tal-programmi tas-CBC

3.2.3 Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1 Sommarju

- ☐ Il-proposta inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

F'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena N ³³ 2014	Sena N+1 2015	Sena N+2 2016	Sena N+3 2107	Sena N+4 2018	Sena N+5 2019	Sena N+6 2020	TOTAL
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali								
Riżorsi umani	37,036	36,662	36,289	35,919	35,919	35,919	35,919	253,662
Nefqa amministrattiva oħra	2,244	2,192	2,173	2,155	2,155	2,155	2,155	15,227
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	39,279	38,854	38,462	38,073	38,073	38,073	38,073	268,889
Barra l- INTESTATURA 5³⁴ tal-qafas finanzjarju multiannwali								
Riżorsi umani	46,898	47,534	48,170	48,806	49,441	50,077	50,713	341,639
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,525	0,564	0,578	0,600	0,723	0,671	0,705	4,366
Subtotal Barra l- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	47,424	48,098	48,748	49,405	50,164	50,748	51,417	346,004
TOTAL	86,703	86,952	87,211	87,479	88,238	88,821	89,491	614,894

³³ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

³⁴ L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (linji ex "BA"), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

3.2.3.2 Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa punt deċimali wieħed)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Sena N+4 2018	Sena N+5 2019	Sena N+6 2020
• Karigi tal-pjan ta' stabbilment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (fis-sede u fl-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	137,8	136,4	135,1	133,7	133,7	133,7	133,7
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)	78,4	77,6	76,8	76,0	76,0	76,0	76,0
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unitajiet Ekwivalenti Full Time: FTE)³⁵							
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")	9,3	9,2	9,1	9,0	9,0	9,0	9,0
XX 01 02 02 (AK, INT, JED, LA u ENS fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 yy ³⁶	- fil-Kwartieri Ġenerali ³⁷	93,3	91,4	89,6	87,9	86,2	84,5
	- f'delegazzjonijiet	468,1	475,3	482,4	489,6	496,7	503,9
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL	786,9	790,0	793,1	796,2	801,6	807,1	812,6

XX huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejrjn jiġu sodisfatti minn persunal mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew imqassma mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazżjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji, jekk din tkun meħtieġa.

³⁵ AK= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjoni); AL= Aġent Lokali; ENS= Espert Nazzjonali Sekondarj;

³⁶ Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern minn approprijazzjonijiet operattivi (linji ex "BA").

³⁷ Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

3.2.4 *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali tal-2014-2020*

- ☒ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali tal-2014-2020.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

Spjega xi programmar mill-ġdid huwa meħtieġ, u speċifika l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-Istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali³⁸.

Spjega x'inhu meħtieġ, u speċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5 *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☒ Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Il-kofinanzjament hu permess taħt l-inizjattiva iżda l-ebda ċifra speċifika mhi stabbilita.

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' Euro (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	...daħħal is-snin kollha li jkunu mehtiegi biex turi kemm idur l- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-entità ta' kofinanzjament	Mhux disponibbli							Mhux disponibbli
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ikkofinanzjati	Mhux disponibbli							Mhux disponibbli

³⁸ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3 L-istima tal-impatt fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/inizjattiva m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- **NOTA :** Dħul tal-baġit ta' ammont marġinali (f'relazzjoni mal-kobor globali tal-Istrument), jista' jiġi ġġenerat b'riżultat tal-flussi mill-ġdid fuq operazzjonijiet ta' riskju tal-kapital li jsiru f'kooperazzjoni mal-IFI's.
 - ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq id-dħul mixxellanju

F'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Linja tad-dħul tal-baġit:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għall- eżerċizzju tal- baġit li għaddej	L-impatt tal-proposta/inizjattiva ³⁹					
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	...daħħal il-kolonna kollha li jkunu meħtieġa biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)	
Artikolu							

Għal dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/linji tan-nefqa tal-baġit affettwata/affettwati.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

³⁹ Fejn jidħlu r-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25% għall-kosti ta' ġbir.